Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 60 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Neil Harison

Vs

Carmel sive Charles Spiteri

Illum 5 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Carmel sive Charels Spiteri detentur tal-karta tal-identita Maltija 387261M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-12 ta' Ġunju, 2002, u matul l-aħħar ġranet qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b' xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga u

naqas li japprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emmendati, u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu; u

2. Talli ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Magt A. Lofaro) fis-06 ta' Lulju, 2000.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordnalu jħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 9 tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (L.S.101.02; GN 292/1939), filwaqt li illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u ikkundannatu għal ħmistax il-xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €550.

F' każ li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, għandu jiġi konvertit fi priġunerija ai termini tal-liġi.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita, hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment fid-dawl tal-provi li ġew prodotti f'dawn il-proċeduri, l-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk jeżistux l-estremi legali li jsawwru ir-reati kkontemplati fis-Sub-Titolu III tat-Titolu III tat-Taqsima II ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, u san primarjament fil-konfront ta' Charles ossia Charlie Sammut.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Carmel sive Charles Spiteri, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Frar, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

a) Tikkonfermaha f' dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti gie dikjarat mhux hati; u
b) Tirrevokaha in kwantu l-parti fejn l-esponenti gie misjub hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija; u
c) Alternattivament u subordinament, f' kaz li tikkonferma s-sentenza fl-intier taghha in kwantu ghal htija tal-esponenti li tvarja s-sentenza billi l-piena nflitta tkun piena aktar ekwa u gusta ghal-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. <u>Dwar l-apprezzament tal-provi</u>**

**A.1 Generali**

L-esponenti bir-rispett jishaqq illi r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghas-sejbien tal-htija ma jistghu qatt jigi accettati stante li l-ewwel Onorabbli Qorti, waqt l-exercizzju taghha tal-apprezzament tal-provi, naqset milli tiehu konjizzjoni ta' diversi nuqqasijiet fl-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni u naqset milli tapprezza provi krucjali li emergew matul id-dispozizzjonijiet tax-xhieda prodotti *in difesa*.

A bazi ta' dawn in-nuqqasijiet, l-esponenti umilment jishaqq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhux *safe and satisfactory* stante li meta jigu kkunsidrati il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u dawk prodotti *in difesa* jinholoq dubju ragjonevoli. Il-*lurking doubt* li ghalih jirreferu Blackstone, Archibold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi

u cioe dak ta' *beyond reasonable time*, u dana kif ser jispjega l-esponenti fis-segwenti.

**A.2 Dwar ix-Xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija**

Illi l-esponenti jirrileva illi jezistu diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Primarjament qieghda ssir referenza ghad-depozizzjoni tal-Ispettur Neil Harrison ta' nhar is-27 ta' Mejju, 2003 fejn l-Ufficcjal Prosekutur jixhed illi hu bat lill-ufficjali tal-korp fl-akkwata ta' San Gwann sabiex jfittxu lill-appellant, li skond l-istess Spettur kien gia maghruf mal-Pulizija. L-ispettur ikompli jixhed illi ghall-habta ta' xis-siegha u kwart ta' wara nofs in-nhar l-appellant intlemah Birkirakara u wara hamsa u ghoxrin minuta l-istess ufficjali mibghuta minnu waqfu lill-esponenti fil-limiti ta' San Gwann.

Min naha l-ohra PS 536 Jason Caruana fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar il-15 ta' Marzu, 2004 xehed illi l-appellanti gie minnhom imwaqqaf ghal habta tas-saghtejn u nofs jew it-tlieta ta' wara nofsinhar. *Inoltre* l-istess xhud fl-istess deposizzjoni tieghu jsostni illi l-Ispettur Harrison ma kienx indikalhom il-persuna illi kellhom iwaqfu izda indikalhom il-vettura.

*Di piu'* PC1013 Raymond Debono nhar is-26 ta' Settembru, 2005 xehed illi huma kellhom istruzzjoni illi hekk kif jaraw il-vann mertu ta' din il-kawza, iwaqfuh. L-istess xhud, minghajr ebda ezitazzjoni jikkonferma illi huma hargu mid-depot ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar.

Bir-rispett, l-esponenti jishaq illi dawn il-hinijiet digà ma jaghmlux sens.

L-imsemmija ufficjali tal-Pulizija lkoll jaqblu illi huma rawh hdejn ir-*roundabout* ta' Birkirkara, li ghalkemm uhud ma jiftakrux liema *roundabout* kienet. Jaqblu wkoll illi waqqfuh fil-limiti taz-zona maghrufa bhala tal-Ballal, San Gwann. Jaqblu wkoll illi meta ddecidew li jwaqqfuh huma xeghlu s-sirena, saqu ghal quddiem l-esponenti, u huwa waqaf mall-ewwel minghajr ma tahom problemi[1].

[1] A fol. 97.

Mis-suespost jemergu diversi kontradizzjonijiet kardinali:

1. X' kienu l-istruzzjonijiet moghtija lill-ufficjali tal-Pulziija illi waqqfu lill-esponenti? Li jwaqqfu l-vettura in kwistjoni jew li jwaqqfu lill-esponenti jekk dan jintlemah?
2. Fi x' hin gie mwaqqaf l-esponenti? Fis-saghtejn nieqes ghoxrin ta' wara nofsinhar jew fit-tlieta u nofs ta' ' wara nofsinhar?
3. Jekk skond l-Ispettur Neil Harrison, l-ufficjali illi bat hu stess jsegwu lill-esponenti lemhuh ghal habta tas-siegha u kwart, kif jista' qatt wiehed jispjega l-fatt illi skond PC 1013 huma hargu mid-Depot ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar?
4. Jekk skond l-Ufficjal Prosekutur, l-ufficjali tieghu illi arrestaw lill-esponenti lemhuh ghal habta tas-siegha u kwart u min-naha l-ohra PC536 jsostni illi l-arrest sar ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar, kif ghaddiet aktar minn siegha qabel ma twaqqaf meta skond PC1013 id-distanza bejn il-post fejn intlemah il-vann u l-post fejn effettivament twaqqaf kienet wahda zghira?

Ghaldaqstant is-sitwazzjoni odjerna tinkwadra *timeframe* incert, istruzzjonijiet dubbjuzi u nuqqas kbir ta dettalji dwar x' gara matul il-perjodu illi l-Pulizija damu jsewgu lill-appellant. Certezza wahda temergi mix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni illi kienu involuti fis-segwiment tal-esponenti u cioe illi l-esponenti ma ntlemah jaghmel xejn suspettuz[2].

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi evidenti fix-xiehda tal-ufficjali tal-Pulizija, l-esponenti umilment jishaq li t-testimonjanzi taghhom ma kellhomx jitqiesu bhala affidabbli.

**A.3 Dwar il-Borza li fiha nstabet id-Droga u l-konoxxenza tal-appellant**

Fir-rigward dan il-punt l-esponenti jaghmel referenza ghall-fol. 8 tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mertu ta' dan l-umli appell fejn il-Qorti, a bazi tax-xhieda ta' PC 1013 Raymond Debono, ghazlet li tiskarta kompletament ix-xhieda li ta l-esponenti fil-mori ta' dawn il-proceduri u kkonkludiet illi l-borza

[2] Vide fol. 91 tal-atti Processwali

in kwistjoni kienet vizibbli u ghaldaqstant implikat illi l-esponenti kien konxju tal-istess borza.

Min-naha l-ohra l-esponenti jaghmel referenza kemm ghall-istqarrija tieghu esebita fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll ghad-depozizzjoni tieghu ta' nhar l-14 ta' Dicembru, 2006 fejn waqt il-kontro-ezami jikkonferma ghal darba, tnejn, tlieta illi tali borza ma kienetx tidher u jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, tali borza setghet b' xi mod jew iehor tidher, huwa ma rahiex. Tant hu hekk illi l-appellant jikkonferma illi "Ezattament fejn kienet jiena ma nafx ezattament. Jiena kull ma rajt meta elevaw il-borza u wrewni l-borza"[3]

Ghalkemm l-esponenti mill-bidu nett tal-investigazzjoni cahad kategorikament illi kienet tezisti xi rabta bejnu u l-borza in kwistjoni,[4] il-Pulizija naqsu milli jitolbu sabiex isiru testijiet forensici sabiex jigu ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-konnessjoni jew ahjar in-nuqqas ta' konnessjoni bejn il-borza *de quo* u l-esponenti.

Fil-fatt, ghalkemm tali proceduri damu sejrin aktar minn hmistax -il sena, il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma talbu illi jiehdu l-impronti digitali tal-esponenti sabiex ikunu jistghu iqabbluhom mal-istess impronti li potenzjalment setghu jinstabu fuq il-borza mertu tal-kawza odjerna.

Fl-umli fehma tal-esponenti, fid-dawl tal-fatt illi l-artikolu 346 tal-Kodici kriminali jipprovdi illi "Huwa dmir tal-Pulizija li zzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma thallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, **<u>li tigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata</u>** li tkun ghamlet dak ir-reat,"[5] in-nuqqas tat-tehid ta' *fingerprints* minn fuq il-borza kien nuqqas grossolan min-naha tal-awtoritajiet investigattivi specjalment fid-dawl tal-fatt illi mid-diversi xhieda li xehdu fil-mori ta' dawn il-proceduri jemergi bic-car illi

[3] Vide fol. 125 tal-Atti Processwali

[4] Vide fol. 9 et. seq tal-atti processwali fejn fl-istqarrija rilaxxata mill-esponenti stess nhar it-13 ta' Gunju, 2002 huwa cahad kategorikament illi kien konxju tal-istess borza u li tali borza kienet b' xi mod jew iehor relatata mieghu.

[5] Sottolinear tal-esponenti

tali vann fejn instabet l-imsemmija droga kien jinstaq minn diversi persuni, inkluz mill-appellant odjern.

Ghandu jigi mfakkar illi l-istess persuni illi qieghed jaghmel referenza ghalihom l-esponenti, ossia il-persuni kienu jsuqu l-imsemmi vann ghazlu li ma jirrispondux ghad-domanda diretta tad-Difiza dwar jekk jaghmlux uzu mid-droga sabiex ma jinkriminawx ruhhom. *In oltre* Charles Sammut jikkonferma fuq il-pedana tax-xhieda illi l-istess droga kienet tieghu.

*Di piu'* jigi sottomess bir-rispett illi kien fl-interess primarju tal-Pulizija li televa l-*fingerprints* minn fuq il-borza, halli ma jkun hemm l-ebda suspett li l-borza odjerna tpoggiet hemm mill-Pulizija!!

### A.3.1 Dwar l-intenzjoni Kriminuza tal-Appellant

L-esponenti bir-rispett isosotni illi l-assjem tal-fatti juri li huwa ma setax ikollu l-*"guilty mind"* rikjest mil-ligi ghall-pussess aggravat tad-droga misjuba.

Fil-gurisprudenza nostrana, f' dan il-kamp dejjem issir riferenza ghal dak Ingliz, deciz mill-Qorti tal-Appell Ingliza fil-kaz **"R v. McNamara"**[6]. Hawn gew elenkati il-principji li ghandhom jigu segwiti sabiex jigi stabbilit il-pussess fil-kamp penali[7]

1. *"A man does not have possession of something which has been put into his pocket or house without his knowledge;*
2. *A mere mistake as to the quality of a thing under the defendant' s control is not enough to prevent him being in possession – for example, in possession of heroin believing it to be cannabis or aspirin;*
3. *If the defendant believed that the thing was of a wholly different nature to that which in fact it was, then…the result would be otherwise;*
4. *In the case of a package or box, the defendant' s possession of it led to a strong inference that he was in possession of the contents. However, where the contents*

[6] [1988] 87 Cr App R 246 – riportat f' Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice,* (2008) Sweet&Maxwell, p. 2506.
[7] Dawn huma principji li gew abbraccjati wkoll mill-*House of Lords* fil-kaz **"R v. Lambert"** [2001] UKHL 37.

*were quite different in kind from what he believed, he was not in possession of them."*

Huwa principju kardinali tad-dritt kriminali illi hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi tar-reat, u f' dan il-kaz li l-esponenti kien jaf bid-droga. Madanakollu, l-unika hekk imsejjha prova li gabet il-prosekuzzjoni f' dan ir-rigward huma r-ritratti tal-borza bil-kokajina bejn is-*centre console* u s-*seat* tas-sewwieq.

**L-esponenti umilment jissottometti li hawnhekk japplika minghajr l-icken dubbju l-principju kkwotat fis-subinciz 1, u dan fid-dawl ta' dak suespost rigward l-uzu tal-vann minn diversi persuni kif ukoll fid-dawl tal-ammissjoni ta' Charles Sammut li f' Ottubru, 2017 fuq il-pedana tax-xhieda u taht gurament ammetta minghajr ebda kundizzjoni illi d-droga mertu ta' dan il-kaz kienet tieghu!!!!**

**A.3.2 Dwar il-' Best Evidence Rule' u l-Provi Prodotti**

Billi l-appellant tressaq quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u billi l-akkuzi kienu ta' natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-gurisprudenza taghna kif ukoll dik barranija li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Jigi mfakkar illi l- Artikolu 638(1) kal-Kodici Kriminali jistipula li

> *"Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."*

*Di piu'* l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali jistipula li l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandu japplika wkoll ghall-Qrati tal-gustizzja Kriminali. Artikolu 559 jistipula li:

> *"Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

Fil-kaz odjern huwa ampjament evidenti li l-' *best evidence*' li setghet iggib il-prosekuzzjoni sabiex tipprova li l-borza bis-sostanza illecita kienet tassew tal-esponenti ma kienitx is-semplici prova li nstab hu jsuq il-vann dak il-hin.

Fid-dawl ta' dan l-aggravvju ghandu jigi mfakkar illi l-appellant stess fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar tal-14 ta' Dicembru, 2006 ikompli jikkonferma illi ma kienet tezisti l-ebda forma ta' rabta bejnu u bejn il-borza odjerna; tant hu hekk illi taht gurament ikkonferma illi huwa fl-ebda hin ma mess il-borza.[8]

L-aqwa prova kellhom ikunu l-*fingerprints* tieghu [li ma kienux ser jinstabu ghaliex l-esponenti ma huwiex hati], *multo magis* tenut kont tal-fatt illi diversi xhieda ammettew, kif mall-ewwel sahaq l-esponenti stess, li l-vann kienu jsuquh hafna nies, kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi Charles Sammut stess f' Ottubru tal-2017 ammetta illi l-istess sustanza kienet tieghu!

**L-appellant hawnhekk jishaq b' mod car illi huwa lest li jittiehdu l-impronti digitali tieghu imqar f' dan l-istadju u jigu kkumparati mal-*fingerprints* li hemm fuq il-borza *de quo*!**

Il-fatt li l-prosekuzzjoni tul dawn il-proceduri **qatt** ma talbet li jittiehdu l-impronti digitali tal-esponenti turi kif l-istess prosekuzzjoni aktarx hija mbezza' mir-rizultanzi tal-istess!! Dubbju dan li *ex lege* jmur favur l-esponenti u mhux kontrih!!

Il-konkluzjoni tqum wahedha ossia li l-esponenti gie rinfaccjat b' dawn il-proceduri **BISS** ghaliex kien hu li kien bil-vann dak il-hin!!!

**A.4 Dwar l-ammissjoni ta' Charles Sammut**

Ghandu jigi mfakkar illi Charles Sammut xehed darbtejn fil-mori ta' dawn il-proceduri. Fix-xhieda tieghu ta' nhar l-10 ta' Novembru Charles Sammut jikkonferma illi huwa maghruf bhala Joey jew Joseph. Ix-xhud jikkonferma wkoll illi fiz-zmien mertu ta' din il-kawza huwa kien jahdem mal-imputat fuq

[8] Vide fol. 125 tal-Atti Processwali

xoghol ta' kostruzzjonu gewwa it-31 Bar u li fl-istess zmien huwa kien jaghmel uzu mill-vann illi gewwa fih instabet is-sustanza illecita.

Fl-ewwel depozizzjoni tieghu, ix-xhud Charles Sammut, meta mistoqsi mid-Difiza dwar jekk fiz-zmien mertu ta' din il-kawza huwa kienx ibati minn vizzju, ix-xhud dar fuq il-Magistrat u staqsih jekk tali mistoqsijiet kienux ammissibbli u wara li l-Magistrat wissietu li ghandu d-dritt ma jwegibx ghal kwalunkwe mistoqsija li tista' tinkriminah, ix-xhud ghazel li ma jwegibx il-mistoqsijiet maghmula lilu u li kienu relati mad-drogi.

Sussegwentament Charles Sammut rega xehed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti f' Ottubru tal-2017 fejn din id-darba ix-xhud, ghalkemm imwissi mill-Ewwel Onorabbli Qorti illi setghu u kienu sejrin jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, ix-xhud ghal darba, tnejn, tlieta kkonferma illi s-sustanza illecita kienet tieghu u li kien hu stess illi poggiha fil-vann, propjeta' tal-esponenti.

Dan kollu ghandu jittiehed fid-dawl tax-xhieda tal-haddiema l-ohra kollha li kienu jaghmlu uzu mill-istess vann fiz-zmien mertu ta' dan il-kaz. Charles Vella nhar it-12 ta' Marzu, 2007 jispjega kif Joseph, dejjem b' relazzjoni ghal Charles Sammut, kien ibati mill-vizzju tad-drogi tant hu hekk illi kien imur id-Detox u li fil-gurnata illi fiha gie arrestat l-esponenti, Charles Sammut kien ghamel uzu mill-istess vettura.[9] *Di piu'* Frans Ebejjer jikkonferma illi fil-gurnata in kwistjoni Joseph kien ghamel uzu mill-vann.[10]

Fid-dawl ta' din il-konfessjoni inkondizzjonata, l-esponenti ma jista qatt jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni!!

Ghalkemm generalment fil-kamp penali konfessjoni hija kkunsidrata bhala l-prova regina, fil-kaz odjern l-ammissjoni inkondizzjonata ta' Charles Sammut fuq il-pedana tax-xhieda giet imzebilha u deskritta mill-Ewwel Onorabbli Qorti bhala "messa in xena, tejatrin manipulat, pantomina, spergur, xhieda falza taht gurament u s-sigill tal-kaz tal-Prosekuzzjoni"[11] u dana a bazi tal-fatt illi Charles

[9] Vide fol.
[10] Vide fol. 145 tal_atti Processwali
[11] Vide fol. 16 tas-Sentenza appellata

Sammut fuq il-pedana tax-xhieda jsostni illi d-droga kienet go diversi boroz kif ukoll illi l-mizien illi nstab fil-vettura skond ix-xhud Sammut kien qieghed fil-bieba tax-xufier.

Ghalkemm huwa minnu illi d-droga kienet f' zewg boroz u li l-mizien instab fil-kompartament ta' bejn is-sedil ta' quddiem, madnanakollu, fl-umli fehma tal-esponenti, fl-analizi tax-xhieda wiehed ghandu jkun ragjonevoli u l-fatt illi xhud ma jiftakarx b' ezatezza l-pozizzjoni tal-oggetti wara kwazi sittax-il sena ma jfissirx illi x-xhieda tieghu hija spergur!

L-ewwel Onorabbli Qorti tikkummenta wkoll dwar il-fatt illi Sammut dam sittax –il sena sabiex ammetta htijietu. Sammut stess jixhed illi ma tkellimx qabel ghax fil-passat kien jaghmel uzu mid-droga; madanakollu issa biddel hajtu, waqqaf l-uzu tad-droga u xtaq jammetti htijietu. L-ewwel Qorti tikkummenta wkoll dwar il-fatt illi minn imkien ma jirrizulta illi Sammut kien jispacca d-droga. Bir-rispett kollu pero kif jista qatt dan jirrizulta meta l-Pulizija mal-hagra t' ghajn akkuzat lill-esponenti b' pussess aggravat u konsegwentament Sammut baqa' qatt ma gie investigat b' relazzjoni mal-kaz odjern??

Ghandu jigi mfakkar ukoll illi persuna mhux lakemm titla' u tammetti htijietha fi proceduri penali mehuda kontra terz, aktar u aktar meta hija ben konxja illi r-reat igorr mieghu piena ta' prigunerija effettiva!

Il-mistoqsija tqum wahedha: Jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet tant konvinta li Sammut kien qed jixhed falz u jizvija lill-Qorti, kif jista' qatt jigi spjegat illi, ghalkemm f' Ottubru 2017 il-Qorti ghamlitha cara mal-Ufficjal Prosekutur sabiex jinvestigaw lix-xhud, il-Pulziija sal-gurnata tal-lum baqghet ma hadet l-ebda passi kontra l-istess Sammut??

L-esponenti bir ragun jistaqsi:

1. Stante li l-Pulizija mill-bidu nett irrizultalha illi l-vann kien jigi misjuq minn diversi persuni, ghaliex il-Pulizija ghazlet li ma taghmilx tfittxijiet ulterjuri fir-residenzi tal-persuni kollu li kienu jaghmlu uzu mill-istess vann?

2. Stante li l-Pulizija kienet konvinta li d-droga kienet tal-esponenti u li l-haddiema tieghu ma kellhom l-ebda htija, ma kellhiex aktar interess il-Pulizija tara jekk l-esponenti kellux aktar droga mohbija f' aktar postijiet?
3. Kieku l-Pulizija kienet konvinta li d-droga kienet tal-esponenti, kif wiehed jista' jispjega l-fatt illi l-Pulizija ghazlet li ma taghmilx *searches* fil-vetturi l-ohra tal-appellant u fir-residenza tieghu?
4. Fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, propjetarju ta' socjeta' kummercjali li tikri l-karozzi/xufier ta' karozza tal-linja/imprenditur li jimpjega diversi persuni/propjetarju ta' lukanda, ghandhom jigi rinfaccjati bi proceduri kriminali kontra taghhom jekk tinstab xi droga fil-propjeta' taghhom.

L-appellant bir-rispett jishaqq illi dawn il-fatti u l-mistoqsijiet kollha juru bl-aktar mod car id-dubju ragjonevoli li jezisti fil-proceduri odjerni, dubbju li seta' facilment jigi ccarrat kieku l-Prosekuzzjoni ghamlet xoghlha skond il-Ligi u gabet l-ahjar provi li setghet ggib kemm dawk favur kif ukoll kontra l-esponenti kif effettivament hu d-dmirha li ggib.

**A.5 Dwar ix-xhieda *in difesa***

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat diversi xhieda bhala inkonsistenti u mhux affidabbli, b' mod partikolari lill-appellant, lil Charles Vella, Francis Ebejjer, Noel Azzopardi u Charles Sammut u dan fl-isfond ta' inezatezzi fix-xhieda taghhom.

Primarjament l-appellant jissottometti illi ghalkemm jezistu xi inkosistenzi fid-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda, tali inezatezzi huma *de minimis* u kuntrarjament ghal dak deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti, bl-ebda mod ma jippruvaw b' xi mod jew iehor u/jew jissigilaw il-kaz tal-Prosekuzzjoni.

Fl-umli fehma tal-esponenti, il-kaz tal-Prosekuzzjoni mhux talli ma giex ippruvat u issigilat hekk kif rikjest mil-Ligi, izda bid-deposizzjoni ta' dawn ix-xhieda, inholqu aktar dubji u kosegwentament il-kaz tal-Prosekuzzjoni infetah berah.

L-ewwel nett ghandu jigi mfakkar illi l-inkosistenzi fix-xhieda ta' Francis Ebejjer u Charles Vella principarjament jirrigwardjaw dettalji kkoncernati max-

xhud Charles Sammut u l-mod kif l-istess Sammut kien jasal fuq il-lant tax-xoghol. Fl-umli fehma tal-appellant, tali inezatezzi huma ferm skuzabbli specjalment fid-dawl tax-xhieda tal-istess Sammut li jsostni illi huwa ma kienx haddiem regolari u kien jahdem maghhom bil-gurnata, "jekk imur jithallas u jekk ma jmurx ma jithallasx.[12]

L-ewwel Onorabbli Qorti tikkummenta wkoll dwar il-fatt illi ghalkemm ix-xhieda kollha stqarrew illi l-imsemmi vann kien jintuza ghax-xoghol ta' kostruzzjoni u b' mod specifiku ghall-garr tal-ghodda u materjal, fil-hin meta l-istess vann gie intercettat l-appellant kien wahdu u ma kien hemm l-ebda ghodda relatati mal-kostruzzjoni.

Bir-rispett ghandu jinghad illi hija prattika komuni fil-kostruzzjoni illi meta haddiema ikunu qeghdin jahdmu gewwa post fiss u jkunu ser idumu jahdmu gewwa l-istess post ghal perjodu ta' zmien, kemm l-ghodda kif ukoll il-materjal jinhattu minn fuq il-vann u jinzammu fuq il-lant tax-xoghol. Dan jiffacilita ix-xoghol tal-haddiema stante li ma jkollhomx ghalfejn ihottu u jergghu jghabbu kull darba li jmorru jahdmu.

Fil-kaz odjern, ix-xhud Pierre Mifsud – sid tat-31 Bar fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar it-22 t' April, 2008 jikkonferma illi x-xoghol dam ghall- perjodu twil mhux hazing. *In oltre* Mifsud jikkonferma illi hu kemm il-darba kien jara lill-haddiema ihottu x-xoghol minn fuq l-imsemmi vann.[13]

L-appellant bir-rispett jishaq illi, ghall-kuntrarju ta' dak li tenniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, dwar dawn il-kunflitti zghar bejn xhud u iehor, dan juru bl-aktar mod car li ma kienux ' ikkowcjati' fix-xiehda taghhom, kif emmnet l-istess Qorti, anzi juru bl-aktar mod evidenti li huma xehdu kif suppost u cjoè spontanjament.

Certament, jishaq umilment l-esponenti, li l-aspett li fih ma qablux dawn ix-xhieda in difesa huwa ferm anqas importanti mid-dettalji rilevanti hafna li ma

[12] Vide deposizzjoni ta' Charles Sammut ta' nhar l-10 ta' Novembru, 2009
[13] Vide fol. 160 tal-Atti Processwali

qablux fuqhom l-ufficjali tal-Korp tal-Pulizija involuti fil-kaz odjern, hekk kif suespost.

Allura tqum il-mistoqsija: l-esponenti ghandu jbati l-fatt illi huwa ma ppruvax jinterferixxi mal-mod kif kellhom jixhdu dawn is-sewwieqa l-ohrajn tal-vann?

Bla dubbju ta' xejn ir-risposta ghandha tkun le.

Id-differenzi minimali li jezistu fit-testimonjanzi ta' dawn ix-xhieda *supra* riferiti ma kellhomx, isostni l-esponenti, iwasslu lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex tiddeskrivihom bhala ' inaffidabbli' , aktar u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni t-trapass ta' zmien bejn il-fatti mertu tal-kaz odjern u meta huma ddeponew.

Il-fatt li jemergi bl-aktar mod car minn dak li qalu d-diversi xhieda fil-kaz odjern huwa li l-vann li fih instabet id-droga kokajina kien verament jinsaq minn hafna nies. Dan huwa aspett li, ghar-ragunijiet suesposti, bir-rispett ma giex analizzat b' mod gust mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Huwa fatt li jassumi rilevanza ta' importanza qawwija b' mod specjali fid-dawl tat-testimonjanza ta' Charles Sammut!!!

Charles Vella jtenni, bhal ma kkonfermaw ix-xhieda l-ohrajn, illi l-esponenti kien imur jittawwal sabiex jara li l-haddiema kienu ghaddejin b' xogholhom fit-' 31 Bar' , u ma kienx ikun hemm fuq bazi regolari[14] ghaliex kien ikun imhabbat bix-xoghol l-iehor tieghu, u cjoè dak marbut mal-*confectionary* bl-isem ta' *Captain Cook.*

*Di piu'*, l-istess Vella jghid li l-vann kien juzah Francis Ebejer filghodu, izda kienu juzawh diversi nies, anke huwa stess izda ta' spiss kien juzah ' Joseph' , matul il-gurnata sabiex jaghmlu xi qadjiet[15].

[14] A fol. 130.
[15] A fol. 131.

Fil-fatt, fil-gurnata meta l-esponenti twaqqaf mill-Pulizija u nstabet id-droga fil-*pick up* Toyota, dan il-*pick-up* kien ghand l-istess Sammut ftit mumenti qabel ma beda jsuqu l-esponenti[16].

L-Ewwel Onorabbli Qorti hawnhekk hasset illi ghandu jinghata rilevanza l-fatt illi l-appellant, fix-xiehda tieghu, kien qal illi dakinhar filghodu l-vann kien ghand Francis Ebejer. Madanakollu, hekk kif jghid bl-aktar mod semplici Charles Vella, l-esponenti kien qed jimxi biss fuq dak li seta' jassumi ghaliex is-soltu Ebejer kien juza l-vann filghodu.

L-esponenti ma setax ikun jaf min effettivament kien uza l-vann, ghaliex <u>ma kienx ikun hemm fuq il-lant tax-xoghol[17],</u> fatt ikkonfermat minn Pierre Mifsud ukoll.[18]

**A.6 Dwar l-ezercizzju maghmul mill-Ewwel Onorabbli Qorti**

Bir-rispett l-esponenti jishaq illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha, ghamlet ezercizzju li huwa f' kunflitt dirett ma' tliet principji kardinali tal-ligi penali, u cjoè:

a. Il-prezunzjoni tal-innocenza;
b. L-oneru tal-prova ta' htija jinkombi fuq il-prosekuzzjoni;
c. Sabiex tinstab htija, din trid tkun giet ipprovata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Kif jemergi mill-qari tas-sentenza kontestata il-Qorti ghamlet ragunament *a contrariu sensu* tal-prezunzjoni tal-innocenza. Minflok ma gharblet il-provi sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex turi li l-appellant huwa hati, fliet il-provi sabiex tara jekk it-tezi tad-difiza gietx ipprovata.

Minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponenti jishaq illi t-tezi tad-difiza giet ipprovata u hija l-verità, dan ma huwiex l-ezercizzju mitlub minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[16] A fol. 132.
[17] A fol. 132.
[18] A fol. 160

Fil-kamp penali l-prezunzjoni tal-innocenza u l-principju *onus probandi incumbit ei cui dicit non ei cui negat* jimxu id f' id. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-piz li turi l-htija tal-akkuzat. L-akkuzat jassumi l-piz tal-prova biss fir-rigward tal-linji difensjonali tieghu bbazati fuq il-provi.

Umilment l-esponenti jtenni illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija, fiha nfisha, prova cara li l-Qorti applikat dawn il-principji bil-maqlub. Fil-fatt, fis-sentenza ma hemm xejn li jindika ghaliex il-Qorti emmnet it-tezi tal-prosekuzzjoni. Hemm biss ir-ragunijiet ghaliex il-Qorti ddecidiet li ma tabbraccjax il-linji difensjonali proposti mill-esponenti.

Bir-rispett l-appellant isostni li dan ma ghandux mis-sewwa legalment. Il-Qorti ghandha l-ewwel tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha, imbaghad tghaddi sabiex tara jekk il-linji difensjonali tal-akkuzat humiex tali li ghandu jigi skagunat jew il-piena tieghu ridotta, u dana minhabba s-solennità tal-proceduri penali.

Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi penali timponi oneru ta' prova aktar iebes fuq il-prosekuzzjoni, dak ta' *beyond reasonable doubt*. Umilment, l-appellant isostni illi fil-kaz odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat dan il-principju kardinali, u minflok imbarkat fuq ezercizzju ta' eliminazzjoni wiehed b' wiehed tax-xhieda in difesa, u meta rat li ghal raguni jew ohra dawn tnehhew mill-istampa, u ma kienx ghad fadal skond Hi imqar prova wahda favur l-esponenti, accettat li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha: *guilty by exclusion*.

Bir-rispett, dan m' ghandux isehh fil-kamp penali.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jishaq illi l-kaz odjern ma giex deciz kif trid il-Ligi u b' mod gust.

**A.7 Konkluzjoni**

Fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-appellant umilment jishaq li hemm ferm iktar minn semplicement *a lurking doubt* dwar jekk saritx ingustizzja fil-konfront tieghu:

a) X' hin effettivament waqqfuh il-Pulizija?

b) X' istruzzjonijiet inghataw l-ufficjali tal-Pulizija?
c) Kemm damu jsegwuh qabel waqqfuh?
d) Huma kredibbli x-xhieda tal-Prosekuzzjoni li ftit li xejn setghu jiftakru x' kien gara?
e) Fejn kienet il-borza bid-droga meta waqqfuh?
f) Jekk il-borza kienet digà mqatta' u s-sustanza mxerrda mat-tapit, ghaliex ma hadux il-hwejjeg tal-esponenti?
g) Ghaliex ma hadux *fingernail swabs* sabiex ifittxu ghal tracci tal-istess sustanza fuq idejn l-esponenti?
h) Ghaliex ma ttehdux *fingerprints* minn fuq l-istess borza sabiex jitqabblu ma' tal-esponenti, mhux biss *a tempo vergine* izda lanqas waqt il-proceduri penali?
i) Ghaliex ma sarux aktar *searches* f' vetturi ohrajn u r-residenza tal-esponenti sabiex jaraw jekk kienx hemm xi haga ohra li torbtu mad-droga misjuba?
j) Ghaliex ma nstabux tracci ta' droga fuq il-mizien elettroniku li nstab fil-vann jekk kien qieghed jintuza ghal ragunijiet illeciti?
k) Ghaliex l-ammissjoni ta' Charles Sammut giet imxejjna u lanqas biss ikkunsiddrata mill-Ewwel Onorabbli Qorti?
l) Ghalfejn ghadhom ma ttiehdu l-ebda passi kriminali kontra Charles Sammut jekk il-Qorti kienet daqstant certa li kkommetta spergur?
m) Ghaliex baqa' ma sar xejn rigward impronti digitali meta l-Pulizija saret taf kemm kienu jsuquh nies ohrajn il-vann?
n) Ghaliex baqa' ma sar xejn rigward impronti digitali meta l-Pulizija saret taf li uhud minn dawn in-nies kienu digà maghrufin maghha minhabba problemi ta' droga?

Dawn huma lkoll mistoqsijiet li ma ghandhomx risposta fid-dawl tal-provi prezenti fil-kaz mertu tal-appell odjern. L-esponenti umilment jishaq illi dan johloq ferm aktar minn *a lurking doubt.* Jezistu dubbji kbar dettati mir-raguni li *ex lege* jimmilitaw favur il-liberatorja, izda l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, ma hadithomx in konsiderazzjoni kif trid il-Ligi.

**B. <u>Dwar il-Pussess Aggravat</u>**

Oltre għall-ammont ta' droga misjub, l-elementi li l-prosekuzzjoni allegat li kienu juru l-pussess xjenti tad-droga kokajina f' ċirkostanzi li jindikaw li ma kienitx għall-użu personali tal-esponenti kienu l-ammont ta' flus misjub fuqu, il-bott 'bicarbonate of soda' u l-miżien elettroniku li nstab fil-vann.

**B.1 In kwantu għall-flus**

Skont ix-xhieda tad-diversi uffiċjali tal-Pulizija illi xehdu fil-mori ta' dawn il-proceduri, jemerġi illi meta l-esponenti ġie interċettat u saritlu tfittxija fil-famuż vann, il-Pulizija elevaw minn fuq l-esponenti ħames mija u ħamsa u erbgħin liri Maltin.

Madanakollu l-appellant fid-deposizzjoni tiegħu ta' nhar l-14 ta' Diċembru, 2006 jikkonferma illi xi jumejn qabel l-incident odjern huwa kien għadu kif biegħ mutur tal-marka Hond Phantom lil ċertu wieħed Adrian Marmara għall-prezz ta' LM1200[19] Madanakollu Marmara kien tah biss il-kappara ossia LM500 u l-kumplament kellu jħallashom bin-nifs.

Għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti, għal raġunijiet inspjegabbli, stqarret illi x-xhieda tal-appellant "ma għandhiex lanqas ombra tas-sewwa" u effettivament ġiet skartata, is-Sur Adrian Marmara, fuq il-pedana tax-xhieda nhar il-11 ta' Jannar, 2008 kkorabora *in toto* l-verżjoni tal-appellant rigward tali flejjes, tant hu hekk illi jsostni illi tali mutur għadu għandu u dak in-nhar tat-12 ta' Ġunju, 2002 huwa kellu jiltaqa' mal-appellant sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment madanakollu sussegwentament sar jaf illi l-appellant ġie arrestat.[20]

**B.2 In kwantu għall-miżien**

Fl-ewwel nett għandu jiġi mfakkar illi skont ix-xhieda tal-Ispiżjar Mario Mifsud u r-rapport ippreparat minnu, ma nstabu l-ebda sustanzi illegali fuq tali miżien elettroniku.

[19] Fol. 114
[20] Fol. 151 et seq.

Ghalkemm l-ezamijiet forensici indikaw illi ma nstabu l-ebda tracci ta' kokaina fuq tali mizien, l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet li s-sejba tal-istess mizien kienet kunsiderazzjoni krucjali sabiex l-esponenti seta' jinstab hati ta' pussess aggravat. Din hija assunzjoni u xejn aktar.

L-esponenti bir-rispett jistqarr illi stante li ma nstabu l-ebda tracci ta' sustanzi illeciti fuq tali mizien, ma hemm xejn x' jorbot tali mizien mad-droga misjuba. A fol. 19 tas-sentenza mertu ta' dan l-umli appell, l-ewwel Onorabbli Qorti ssostni illi "Il-fatt li nstab mizien li nstab fil-vettura tieghu u li certament ma kienx jintuza ghall-skopijiet ta' catering fil-manufattar tar-ravjul!" hija kunsiderazzjoni ewlenija sabiex tiddetermina jekk kellhiex tinstab htija dwar l-ewwel imputazzjoni.

Bir-rispett kollu, pero' l-esponenti lanqas ma dan il-kumment ma jista' jaqbel. Ghandu jigi mfakkar illi ix-xhud Noel Azzopardi, li kien jahdem mal-esponenti fil-manifattura u d-dispacc tar-ravjul, nhar it-18 ta' Frar, 2010 xehed illi:

> **"Ehe u anke jien gieli wzajtu [b' referenza ghall-vann mertu tal-kaz *de quo*] wkoll dan il-vann gie li fhimt, ikun hemm bzonn ta' xi ordni u mort bih jien ukoll"**

Fid-dawl tas-suespost kif ukoll fl-isfond tar-rizultanti forensici illi saru fuq il-mizien odjern, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tassumi illi tali mizien ma setghax jintuza ghall-ispacc tar-ravjul u awtomatikament assumiet illi kien jintuza ghall-ispacc tad-drogi!

**B.3 Dwar il-' Bicarbonate of Soda'**

Ghalkemm fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti ssosstni illi l-esponenti nnega li l-oggetti misjuba kienu tieghu apparti ghall-bott tal-bicarbonate, madanakollu dana mhux minnu. Fil-fatt kieku wiehed kellu jizen id-depozizzjoni tal-esponenti, mill-ewwel jintebah illi meta mistoqsi rigward il-' bicarbonate' l-esponenti jwiegeb illi "Bicarbonate of soda jista' kien tieghi ghax dak kont nuzah hafna ghax bih innaddfu l-freezers taghna"[21].

[21] Fol. 123

Ghaldaqstant ghalkemm ma jinnegax illi tali bott setgha b' xi mod jew iehor ikun tieghu, madanakollu l-esponenti lanqas ma jikkonferma li tali bott effettivament kien tieghu.

L-ewwel Onorabbli Qormi kompliet tifa dell ikrah fuq il-kredibilita' tal-verzjoni li ta l-esponenti nilli qajjmet diversi mistoqsijiet rigward il-fatt illi l-bott tal-' *bicarbonate of soda'* ma kienx ' *catering style'* u dwar il-fatt illi fil-vann odjern instab biss bott wiehed, madanakollu l-appellant jistqarr illi galaraba l-Pulizija naqqsu milli jaghmlu tfitxijiet ulterjori kemm fir-residenza tal-appellant kif ukoll fil-hanut tieghu ' Captain Cook' fejn kien izomm il-freezers u fejn kien jaghmel uzu mill-istess ' *bicarbonate of soda'* kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi ma tezisti l-ebda kuntrarja li tgiddeb u tmeri il-verzjoni li ta l-esponenti, tali verzjoni m' ghandhiex ghalfejn ma tigix accettata u emmnuta u dana skond il-principju legali ' *quod non est in actis non est in mundo.'*

**C. <u>Dwar il-piena</u>**

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti huwa tal-fehma li diversi cirkustanzi ghandhom ikunu ikkunsidrati ghall-fini ta' piena.

Fid-dawl tat-trapass taz-zmien illi ghadda mill-fatti mertu tal-kaz odjern ghas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti jhoss illi l-piena ta' prigunerija hekk kif inflitta fuqu mill-Ewwel Onorabbbli Qorti hija harza wisq.

Ghandu jigi mfakkar illi l-incident mertu tal-kaz sehh fl-2002 u l-ewwel sentenza li nghatat fil-konfront tieghu kienet fis-sena 2009. Madanakollu minhabba difett procedurali li wassal ghall-annullament ta' tali sentenza huwa kellu jistenna sal-2014 ghal sentenza ohra tal-Prim' Istanza. Minkejja dan kollu s-sentenza tal-2014 ghal darb ohra giet annullata minn dina l-Onorabbli Qorti a bazi ta' difett procedurali iehor. Dan wassal sabiex il-proceduri odjerni jergghu jibdew jinstemghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

**<u>Minn dan kollu jemergi illi l-esponenti ilu jistenna li ssir gustizzja minnu ghal madwar sittax-il sena.</u>**

Illi f' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi'** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2001, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> **"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill- ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."**

*Oltre* minn hekk, meta wiehed iqis it-trapass esagerat ta zmien minn meta sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi u d-data tas-sentenza, ossia madwar sittax–il sena shah, ma jistax ikun li l-appellant ma jhossx ruhu aggravat bil-piena inflitta.

It-trapass wahdu, anke fuq skorta ta' kazistika tal-Qrati taghna, kellu jgib mieghu riduzzjoni tal-piena. Illi fir-rigward tat-trapass taz-zmien, l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs. Mario Zammit'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna. Illi f' din is-sentenza din l-Onorabbli Qorti kienet ghamlet referenza ghal kawza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia' et deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002 u applikat il-principju segwenti:

> **' Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process , il- fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati. Jista' pero ' f' xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001)"**

Di piu' l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **' Beck vs Norway'** [22] fejn il-Qorti esprimiet ruhha rigward dan il-punt u sostniet is-segwenti:

> **27. The question remains whether the applicant may continue to claim to be a victim of a violation of Article 6 § 1 of the Convention on the grounds of the length of the criminal proceedings against him. In this**

[22] Nru. Tal- Applikazzjoni: 26390/95 u dciza nhar is-26 ta' Gunju, 2001

**regard the Court recalls that the mitigation of a sentence on the ground of the excessive length of proceedings does not in principle deprive the individual concerned of his status as a victim within the meaning of Article 34 of the Convention. However this general rule is subject to an exception when the national authorities have acknowledged in a sufficiently clear way the failure to observe the reasonable time requirement and have afforded redress by reducing the sentence in an express and measurable manner (see the Eckle v. Germany judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, § 66).**

**28. Applying these principles in the present case, the Court notes in the first place that the City Court expressly upheld the substance of the applicant′ s complaint under Article 6 § 1 of the Convention that the proceedings had exceeded a reasonable time.**

**Secondly, the Court is satisfied that the applicant was afforded adequate redress for the alleged violation.**

A bazi tas-suespost, fil-kaz odjern l-esponenti umilment jishaq illi ghandha tigi segwita din il-prassi mfahhra mill-Qorti ta′ Strasbourg u l-piena erogata fil-konfront tieghu ghandha tigi mnaqqsa ghal wahda aktar miti.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) xehed dak iż-żmien **Spettur Neil Harrison** fejn qal li fit-12 ta' Ġunju tas-sena li għaddiet għal ħabta ta' xin-nofs siegħa ta' wara nofs inhar kien irċieva informazzjoni kunfidenzjali fejn ċertu Charles Spiteri kien se jkun b'xi ammont ta' kokaina fil-pussess tiegħu lejn Birkirkara..Huwa bagħat lil PS 536 Jason Caruana u PC 101 Raymond Debono u PC 1099 Charles Farrugia biex jekk jaraw lill-imputat li kien ġa magħruf peress kien kellu każijiet oħra fejn kienu qegħdin isegwuh, iwaqfuh u jagħmlulu tfittxija.

Jgħid li qal ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofs inhar Charles Spiteri rawh Birkrikara isuq Pick Up bin-numru HAP 463 u f'ħin minnhom il-pulizija segwitu u waqfitu, waqfitu fl-inħawi ta' tal-Balal limiti ta' San Ġwann u dan għal ħabta ta' xis-siegħa u nofs u ħames minuti. Jgħid li kif waqfuh, għamlulu tfittxija fil-Pick Up tiegħu fil-

presenza tiegħu sabu madwar erbgħin gramma ta' kokaina li kien ġo borza tal-plastik u jgħid li dawn kienu bejn is-seat tal-passigier u c-centre console tal-vettura. Fis-centre console kien hemm wkoll mizien elettroniku u fil-bieba tan-naha tax-xufier kien hemm bicarbonate of soda.

Jgħid li il-pussess tiegħu nstab mobile phone kif ukoll madwar ħames mija u ħamsa u erbgħin lira. Kienu ġew is-scene of crime officers fuq il-post u jgħid li kien nominat l-ispiżjar Mario Mifsud sabiex jeżamina s-sustanza u l-oġġetti l-oħra.

Kien ġie arrestat l-imputat u ħadlu stqarrija fit-tlettax (13) ta' Ġunju l-għada għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs inhar fil-preżenza ta' PC 213 Nicholai Borg wara li tah twissija imniżla fl-istess stqarrija. Huwa kien għażel li ma jweġibx għal ħafna domandi li sarulu dwar id-droga. Huwa esebixxa l-fedina penali u l-kunsens tal-Avukat Ġenerali.

Ġie preżentat process verbal numru 882/03 mill-Avukat Ġenerali.

Fil-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), xehed r-**Registratur Paul Sammut** bħala Deputat Registratur mal-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano li qal li qed jippreżenta PV's li tagħtu dak iż-żmien il-Maġistrat Dr Miriam Hayman. Fl-istess seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), xehed **P.S.602 Jonathan Attard** fejn ġie muri relazzjoni li kien prepara flimkien ma' P.S. 659 Jeffrey Hughes rigward sejba ta' oġġetti relatati ma' l-abbuz tad-droga fejn hu u P.S. 659 kienu ġew nominati bħala Scene of Crime Officers mill-Maġistrat Dr Miriam Hayman. Jgħid li s-sustanza kienet ġiet preżentata flimkien mar-relazzjoni. Xehed li l-inkarigu tiegħu kien li jieħu r-ritratti ta' dak li urewh. Jgħid li kien hemmhekk meta kienu qegħdin jiġu elevati minn ġol-vettura, kien fuq il-post fejn ħa ritratti flimkien ma' PS659 li kien qiegħed jagħmel xogħol sabiex jeleva peress li nħatar mill-Maġistrat. Huwa mar ġewwa Triq ħal-Għarghur, limiti tal-Balal San Ġwann, il-vettura kienet pick up bin-numru HAP 463. Jgħid li ġew indikati xi oġġetti mill-membri tad-Drug Squad u ġew elevati minn PS 659 u huha ħa ritratti.

Fl-istess seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), xehed **P.S. 536 Jason Caruana** fejn qal li f'Lulju tas-sena 2002 fuq struzzjonijiet ta' dak iż-żmien l-Ispettur Neil Harrison, waqqfu lil Charles Spiteri fil-limiti tal-Balal, limiti ta' San

Ġwann fejn kien hemm hu, PC101 u PC1099. Jgħid li dan kien qiegħed isuq Van Pick-Up bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP 463. Waqfuh u bejn is-seats sabu borza b'ammont ta' trab abjad. Iktar tard fi tfittxija li saret fil-van ukoll instab miżien kif ukoll minn fuq il-persuna ġiet elevata s-somma ta' LM545. Fuq il-post ġew ukoll il-membri tas-'Soco' li elevaw l-affarijiet huma stess. Huwa għaraf l-oġġetti, il-post u l-van li dehru fir-ritratti li jinsabu fil-proċess verbal. Jgħid li fil-van kien waħdu. Huwa għaraf lill-imputat fl-Awla.

In kontro-eżami ikkonferma li waqqaf lil xi ħadd billi ġew bil-karozza miegħu, għalquh u tefa mal-ġemb ġewwa l-limiti tal-Ballal San Ġwann. Ikkonferma li kien qiegħed jiffollowjah qabel, jgħid li kien fil-karozza flimkien max-xufier. Kien qiegħed isuq P.C.1013, huma inzertawh triq tal-Ballal. Ma jiftakarx meta ħarġu bil-karozza mid-Depot iżda kien wara nofsinhar. Jaħseb li waqfuh għal ħabta tas-2:30-3:00pm. Jgħid li kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol ta' rutina ta' kuljum barra. Kien ċempillu s-Sur Harrison u qallu biex imorru f'dik l-area ta' San Ġwann, limiti ta' San Ġwann. Ma jiftakarx li kellu post speċifiku. Jgħid li fuq id-diary kiteb li marru San Ġwann u waqqfu lil din il-persuna. Hu jiftakar li waqqfuh fit-triq li ngħidulha tal-Ballal, limiti tal-Ballal. Jgħid li ma kienx warajh iżda li inżertah f'dik it-triq. Jgħid li s-Superintendent Neil Harrison infurmah li f'San Ġwann, kienu ħa jfittxu din il-vettura HAP 469, inzertawha u waqfuha. Jgħid li jidhrilu li kienu laħquh f'roundabout u imbagħad qalu li ma jistgħux iwaqfuh għax ma kienux f'pożizzjoni tajba li jwaqfuh, tawh cans li jaqbad triq id-dritta u kif qabad id-dritta, jidhrilu li waqfuh f'nofsha. Huwa ma rahx jieqaf x'imkien u jgħid li waħdu kien. Ma jiftakarx liema roundabout u min fejn kien ġej għar-roundabout. Jgħid li huma kienu ġejjien minn direzzjoni opposta. Jgħid li quddiemu għandu summary ta' notamenti li kien ha.

Fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004), xehed ukoll **P.C.213 Nikolai Borg** li kien ix-xhud tal-*istatement*. Huwa għaraf lil Charles Spiteri fl-awla u qal li fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002), is-Sur Harrison taht issoltu twissija fejn Charles Spiteri għażel li ma jiffirmax. Huwa għaraf il-firma tiegħu u tas-Sur Harrison.

Fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), reġa xehed **PC 213 Nicolai Borg** li qal li fit-tlettax (13) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) kien xhud

ta' statement ta' Charles Spiteri li huwa għaraf fl-Awla. Xehed li s-Sur Harrison tah is-solitu twissija u għaraf il-firma tiegħu u tas-Sur Harrison. Qal li Charles Spiteri għażel li ma jiffirmax.

Fl-istess seduta xehed **PC 1013 Raymond Debono** fejn dwar l-involviment tiegħu li meta waqfu lill-imputat fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) jgħid li huwa kien qiegħed isegwi pick up Toyota misjuq mill-imputat li huwa għaraf fl-Awla. Jgħid li nieżlu mill-karozza u qalulu li pulziija u kif feħtu l-bieba fin-naħa tan-nofs tal-vettura, il-console, kien hemm borza bi trab abjad maħsuba droga. Kien hemm miżien elettroniku u fit-tfittxija li għamlu fuqu kien hemm flus kontanti ta' LM545. Jgħid li ġew tas-SOCO fuq il-post u elevaw l-affarijiet misjuba ġol-vettura. Huma ħallew l-affarijiet kif instabu fil-vettura u ma bidlux pożizzjoni tagħhom. Jgħid li l-borza kienet kważi mifquha u kien hemm xi trab ħiereġ minn ġo fiha. Jgħid li kien ma PS 536 U PC1099. Huwa kkonferma minn ritratt l-oġġetti kif ġew misjuba.

Fis-seduta tal-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), xehed **PS 659 Jeffrey Hughes** fejn meta muri r-relazzjoni li għamel flimkien ma PS 602 għaraf ir-rapport tiegħu li għamel ma PS602 li jinsab a fol 7 sa 14[23]. Huwa għaraf il-firma tiegħu f'kull paġna.

Fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) xehed l-**Ispiżjar Mario Mifsud** li qal li kien appuntat fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) mill-Maġistrat inkwirenti Dr Miriam Hayman biex jagħmel analiżi fuq tlett dokumenti. Jgħid li ma nstabux sustanzi illegali fit-trab abjad li kien hemm fil-bott fid-dokumenti 02BMZ202[24], traċċi ta' trab abjad li kien hemm fil-miżien elettroniku 02BMZ203[25]. Jgħid li t-trab abjad li kien hemm fid-dokumenti O2BMZ204[26] instab li kien dak tas-sodium bicarbonate, sustanza mhux kontrollata bil-liġi.

Jgħid li fit-trab abjad li kien hemm fid-dokument 02BMZ201[27] f'ammont nett totali ta' 34.921 grammi instabet fiha s-sustanza kokaina. Il-purita kienet ta' ċirċa 30%. Huwa preżenta r-relazzjoni tiegħu li tinsab a fol 67 et seq.

---

[23] Jidher li x-xhud qiegħed jirreferi għal fol numri fil-proċess verbal;
[24] Skont fol 69 il-kodiċi tal-laboratorju għandu jaqra 02 BMZ 202
[25] Skont fol 70 il-kodiċi tal-laboratorju għandu jaqra 02 BMZ 203
[26] Dan skont fol 70 il-kodiċi tal-laboratorju għandu jaqra 02 BMZ 202
[27] Skont fol 69 il-kodiċi tal-laboratorju għandu jaqra 02 BMZ 201

Fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), xehed is-**Supretendent Neil Harrison** fejn esebixxa l-ammont ta' LM545 li ġew elavti, l-irċevuta tal-mobile phone samsung bil-battery u bis-sim card immarkata bħala DOK,. NHR u l-irċevuta li taw lura l-mobile phone lill-imputat.

Nhar id-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) xehed **PC 536 Jason Caruana** fejn saret refereza għal Dok NHS u Dok NHR[28] u spjega li dawn ġew elevati minn fuq il-persuna ta' Charles Spiteri fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2002) u qal li din hija l-irċevuta li ħareġ hu stess lil Charles Spiteri ta' dawn il-flus għas-somma totali ta' LM545.

Fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa (2005) xehed **PC 1099 Charles Farrugia** fejn qal li fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) għal ħabta tal-4:00pm waqqfu lil Charles Spiteri fi Triq Ħal Għargħur limiti tal-Balal fejn għamlu search fil-van Toyota pick up aħmar u ma ġemb is-seat tan-naħa tax-xufier kien hemm borza bi trab abjad suspettata kokaina. Jgħid li ġo pakkett li kien hemm bejn is-seats, ġo glove compartment bejn is-seats kien hemm borza tal-karti li kien hemm miżien u minn ġo bieba n-naħa tax-xufier kien hemm bott li kien fih bicarbonate. Jgħid li minn fuq il-persuna ġew elevati LM 545 kif ukoll mobile phone. Jgħid li dan il-persuna ġie arrestat fuq il-post u għaddewh lil dak iż-żmien l-Ispettur Harrison għal iktar stħarriġ. Jgħid li kien ma PC 1013 u mas-surġent Jason 536. Jgħid li Charles Spiteri kien waħdu. Huwa għaraf il-vettura u l-oġġetti li jidhru a fol 35.

Fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) xehed **PC 1013 Raymond Debono** in kontro-eżami fejn qal li kienu ġejjien mid-direzzjoni tal-isptar Mater Dei niżlin lejn Birkirkara. Jgħid li kif ġew ħdejn ir-roundabout issa s-showroom tal-Vodafone raw il-pick up u minn hemm bdew jiffolowjah peress li kellhom suspett, kellhom informazzjoni iżda ma raw xejn suspettuż. Huwa ma rahx jieqaf. Jgħid li ħarġu mid-Depot fis-2:30pm, l-ewwel marru San Ġwann ħdejn il-fabbriki umbaghad s-surgent PS 536 li kien miegħu fil-karozza tah struzzjonijiet oħra. Jgħid li ma jidhirlux li kien hemm karozza oħra qiegħda tagħmel l-istess *detail* magħhom. Jgħid li fil-karozza kien hemm PC 1099. Jgħid li għaddew bejn il-fabbriki

---

[28]Skont l-atti jirriżulta li Dok. NHS u Dok. NHR f'din it-traskrizzjoni għandhom jaqraw Dok 'NHR1' u Dok. 'NHR2'.

ta' San Ġwann u ġie għal by pass ħdejn l-Isptar Mater Dei. Jgħid li daru mar-roundabout ħdejn l-Universita, ġew wiċċhom lejn Birkirkara u ġew fuq in-naħa tal-Vodafone. Raw lil pick up kien ser jibda r-roundabout, kien tiela minn ġo Birkirkara u kien waslu mar-roundabout kważi. Segwewh sa triq tal-Balal limiti ta' San Ġwann, qabżuh u ssikawh. Jgħid li waqaf mill-ewwel. Jgħid li xeglu s-sirena u beacon light u waqaf. Jgħid li ma kienux rawh San Gwann ħdejn il-fabbriki.

Fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) **PS 536 Jason Caruana** preżenta kopja tad-diary tiegħu u spjega li mhux dejjem jikteb fid-diary. Ma jiftakarx jekk kitibx in-notamenti dak in-nhar.

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006), xehed l-**imputat** fejn qal li fis-sena 2002 kellu confectionary Captain Cook, jagħmel ravjul u affarijiet ta' pasta, kien jagħmel ukoll xogħol tat-tibjid iżda ma kienx jagħmlu hu. Jgħid li kien jieħu xogħol ta' tibjid u tikħil u kien jagħtih lil ċertu Frans Ebejer, ieħor jgħidulu Ganu u Joseph Sammut. Jgħid li kien jiftiehem hu, il-klijent iħallas lilu u huwa jħallas lil min jaħdimlu. Jgħid li kellu mutur Yamaha, Isuzu bil-van tal-friża li kien jaħdeb bih kuljum iqassmu l-għaġinijiet u Honda Phantom li biegħu u ġabar il-kapparra. Jgħid li meta sabulu l-flus kellu l-flus tal-kapparra tal-mutur. Jgħid li biegħu jumejn qabel ma ġraw l-affarijiet għal LM1200 u minn xtrah kien tah kappara ta' LM500 u kien iħallsu bil-mod.

Jgħid li l-Pickup kien jużah biex iġorru l-għodda u l-materjal bih, kemm hu u kemm min jaħdem, kien jintuża għax-xogħol l-iktar. Jgħid li kienu jużawh erbgħa jiġifieri huwa, Frans Ebejer, Joe Sammut u il-Ganu u dan biex iġorru l-affarijiet tax-xogħol. Jgħid li dak iż-żmien kien ta biċċa xogħol lil Frans Ebejer u kien imur jgħinu hu stess għand Pierre ġo ħanut Birkirkara, it-31 Bar fejn il-mitħna.

Jgħid li l-Pulizija waqfuh wara nofsinhar. Jgħid li '*dak inhar stess fil-fatt uzah Frans Ebejer filghodu, mar fuq il-land tax-xoghol. Jien mort fuq ix-xoghol il-Mosta bix-xoghol bl-Isuzu, jigifieri bix-xoghol tar-ravjul u wara li spiċċajt mix-xoghol tar-ravjul peress li nibdew kmieni*'. Jgħid li kien jibda xogħol fil-5:00am fil-confectionery, kien iqassam fil-ħwienet. Jgħid li kien jiġi tal-irkotta, jiżen l-irkotta, jara x'hemm bżonn, idabbar rasu malli jkun lest u jara x'inhu jiġri n-naħa l-oħra. Jgħid li huwA kien qiegħed iqassam ir-

ravjul bil-van tal-friża mhux bil-pick up. Sakemm mar fuq il-land tax-xoghol, jgħid li l-pick up kien għand Frans Ebejer. Jgħid li mar Captain Cook Confectionery, lesta li kellu jlesti u rritorna lura bil-van fejn it-31 Bar biex jara x'inhu jiġri. Jgħid li Frans Ebejer kien hemm u anke il-Pickup. Jgħid li min hemm marru jixtru l-fanali flimkien u kien ħadu miegħu għax ma kienx jaf min iġibhom. Marru Ħal Qormi u saq huwa. Jgħid li huma l-istess fanali li l-pulizija sabu u huma fotografati. Kienu fuq is-seat ta' wara. Jgħid li rritorna lura fuq ix-xogħol u telaq u waqfuh il-Pulizija. Jgħid li hu nieżel fuq il-land tax-xogħol.

Mistoqsi '*sabu xi haga?*' wieġeb '*Xi haga sabu*'. Mistoqsi '*Issa dak li sabu li allegatament huwa droga, kienet tieghek?*' Wieġeb '*No*'. Jgħid li lanqas il-miżien elettroniku. Dwar il-bicarbonate of soda jgħid li '*jista kien tieghi ghax dak kont nuzah hafna ghax biex innaddfu l-freezer taghna, bih konna nnadfuhom il-freezers.*' Jgħid li peress li jneħħi kull riħa, tferxu u tagħlaq il-friża u jiġbidlek kull ma jkun hemm. Jgħid li l-Puulizija ħaduh id-depot u dam lejl u l-għada fis-1:00pm xi ħaġa hekk wara nofsinhar ġie mitluq. Jgħid li għaddew xahrejn jew tlieta u resquh il-Qorti.

In kontro-eżami, mistoqsi jekk il-borza li nstabet kien fiha kokaina jekk pruvax jifqaha meta waqfuh il-Pulizija jgħid li le. Jgħid li hu fl-ebda ħin ma mess il-borża. Jgħid li ma rahiex il-borża jgħid li mhux vera kienet tidher, jgħid li hu ma rahiex.

Xehed **Charles Vella** fis-seduta tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fejn qal li xogħlu jiksu u jbajjad. Mistoqsi fejn jaf l-imputat, wieġeb '*Konna qed nahdmu it-31 Bar B'Kara*'. Jgħid li l-imputat ħa l-biċċa tax-xogħol u tah lilu u lil ċertu Frans. Jgħid li l-imputat kellu fabbrika tar-ravjul u qabel kien jiksi u jbajjad wkoll. Jgħid li ġieli ħadmu bi sħab, jgħid li dak iż-żmien l-imputat kellu Hi Lux tiegħu Toyota, jgħid li din il-biċċa xogħol ħaduha hu, Charlie, Frans u Joseph. Jgħid li huma t-tlieta kienu jaħdmu hemm u l-imputat kien jiġi fin-nofs siegħa jittawwal u daqshekk. Jgħid li dan kien aħmar, kien jużah Frans filgħodu u jmur il-qadi biha Joseph. Bħala qadi daqqa kien imur jixtri ġir u siment u hekk.

Jgħid li l-għada sar jaf li l-imputat ġie arrestat għax '*gie jghajjathux min uzalu l-van*', jgħid li l-għada filgħodu ġie jgħajjat maghhom '*Ghax sabulu xi imbarazz gol-van*'. Mistoqsi '*Imbarazz x'inhu*' wieġeb '*Ma nafx*'. Jgħid li ġie jgħajjat biex jara min uża l-van

l-aħħar. Jikkonferma li kienu tlieta qegħdin jaħdmu hemm, hu, Frans u Joseph. Mistoqsi jekk '*Dan Joseph inti taf jekk kellux xi problema ta' xi haga?*' Wieġeb '*Naf li kellu problema u kien imur id-Detox imma l-bqija ma naf xejn*'. *Mistoqsi* '*Imma xi problema kellu?*' wieġeb '*Kien jiehu xi droga*' Mistoqsi '*Dan Joseph fil-fatt, dik il-gurnta in kwistjoni kien ghandu dan il-van?*' Wieġeb '*Iva*'. Dwar meta ġie jgħajjat jgħid li qallu '*l-van ma missejtux hux. Ghidtlu Joseph missu u mar qadja bih hux*'.

In kontro-eżami jgħid li ma jafx x'kunjomu Joseph iżda joqgħod il-Qawra. Mistoqsi kemm damu jaħdmu flimkien jgħid '*U kemm dommna, ghax hu daqqa kien jigi u daqqa le*'. Jgħid li hu u Frans kienu bi sħab. Dwar dan Joseph jgħid '*Imma wahdu kien jigi ghax-xoghol. Konna nghidulu fis-7.00am ejja u ma kienx jahdem il-gimgha kollha, xi tliet darbiet kien jigi*' jgħid li damu aktar minn xahrejn jahdmu it-31 Bar. Jgħid li l-imputat jafu sew lil dan Joseph. Jgħid li Joseph huwa irqiq u ismar. *Mistoqsi* '*x'qallu allura Spiteri lil Joseph?*' Wieġeb '*Qallu x'ghamilt fil-van? U l-ieħor baqa jghidlu xejn xejn xejn. Qallu fejn mort bih? U ma qallux jigifieri. Imbghad qisu baqa jahdem xi gimgha u ma giex iktar*'. Mistoqsi mill-Qorti jekk qatt ġabruh huma mill-Qawra lil Joseph wieġeb li le. Joseph kien jiġi b'mutur Piaggio jgħid li ma jafx x'kulur imma la jaf blu u lanqas iswed.

Fl-istess seduta tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) xehed **Frans Ebejer** fejn qal li xogħlu hu li jbajjad, madum u affarijiet hekk. Jgħid li l-imputat qallu biex jagħmillu biċċa xogħol għax ħa fabbrika u ma jistax ilahhaq max-xogħol. Il-biċċa xogħol kienet it-31 Bar Birkirkara u kien kienet tikkonsisti f'tibjid, kisi u madum. Jgħid li kienu hu, wieħed li xehed qabel magħruf bħala l-Gagu u wieħed Joseph. Jgħid li kien imur xogħol bil-van tal-imgħallem li kien Toyota Maroon bħal pickup. Jgħid li hu kien ikollu x'jagħmel u kien iwassallu l-għodda u t-tavlunu u jgħaddu għal wieħed Joseph minn San Ġiljan dak iż-żmien. Jgħid li Joseph kien juzah l-iżjed '*Daqqa kien jmur jixtri xi affarijiet u daqqa kien jmur jixtri l-hobs u affarijiet hekk hux*'. Jgħid li sar jaf l-għada li kien arrestat l-imputat għax ġiet tgħidlu l-mara tiegħu u li l-imputat wara ż-żmien qal li sabulu xi affarijiet fil-karozza. Mistoqsi għaliex ġie qalilkom wieġeb għax qal li xi ħadd użaħ. Xehed li '*ghax dik mhix tieghu u ili qalli min uzah il-van dak inhar u ghidtu mhux Joseph. L-izjed li juzah Joseph kien*'. Mistoqsi jekk '*Dan Joseph baqa jigi ghax-xoghol wara dan l-incident meta gie u jghidilkom min ghamel dawn l-affarijiet?*' wieġeb '*Le ma rajtux iktar imbghad*'. Mistoqsi mill-Qorti kienx jaf fejn joqgħod wieġeb li le imma kien jiġbru

minn fejn l-Għassa ta' San Ġiljan. Xehed li kien jgħid li joqgħod San Ġiljan. Jgħid li dejjem għadda għalih hu. Mistoqsi jekk qatt raħ b'mutur wieġeb li le.

Fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **Adrian Marmara** li qal li l-imputat huwa miżżewweġ lil oħt il-mara tiegħu. Jgħid li darba xtara mutur Honda Phantom mingħandu. Jgħid li kien tah deposit ta' LM500 u qassamlu l-kumplament pagamenti iżda ma jiftakarx kemm xtrah. Jgħid li l-għada li tahomlu kellhom jagħmlu t-transfer u qallu li ma ġiex għax inqalatlu bicca xogħol, qallu li tefgħulu xi ħaġa fil-karozza.

Fis-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **Pierre Mifsud** li qal li għandu ħanut bar li ilu għandu qabel l-2002 ġewwa Ganu street, Birkirkara. Jgħid li f'Ġunju 2002 kien għamel refurbishment kbir tant li għamel sebgħa (7) ġimgħat għaddej, għalaq f'Ġunju u fetah fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju. Jgħid li jaf lill-imputat għax kien jaħdimlu meta jkollu każ ta' tibjid u hekk. Dak in-nhar li kien qiegħed jirranġa l-ħanut kien qiegħed jaħdem bih. Jgħid li waqt li kienu jsiru xogħlijiet kien ikun hemm ħafna drabi iżda mhux il-ħin kollu. Jgħid li dak iż-żmien l-imputat kellu confectionery jagħmel xi għaġina. Jgħid li wieħed li kien jaħdimlu kien naqra qasir u mingħalih jismu Joseph. Kien jiġi bil-van. Jgħid li kien jintuża għax-xogħol b'affarijiet bħal cement u ramel ġo fih. Dan kien pickup. Jgħid li filgħaxija biss kien isuqu l-imputat. Jiftakar li certu Joseph u Frans. Mistoqsi jekk dan il-pickup kienx ikun f'idejn Joseph wieġeb li iva. Jgħid li kien iġib xogħol ta' cement, ramel u fil-break imur jixtri ħobż. Jgħid li meta ġie arrestat f'Ġunju 2002 għamel xi tlett'ijiem ma jaqbdux u lanqas il-lavranti ma ġewx u kien għamel għalih meta ġie u kien qallu li daħal ġo bicca inkwiet għax kienu arrestawh fuq xi affarijiet. Jgħid li qallu li kien '*hemm xi hadd ghamilli xi droga, qalli qed nehel jien, qalli ghax sabuhom fil-van, qalli issa l-van ma nsuqux jien, ghidtlu heqq ma nafx jiena hux*' Spjega li '*qalli l-van ilu ma jkun f'idejja zmien qalli kif taf int. U veru. Jiena qatt ma rajtu bil-van. Dejjem il-haddiema jkunu bil-van.*'

Fis-seduta ta' nhar it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **Noel Azzopardi** izda fuq il-verbal hemm miktub bil-lapes '*xhieda not on tape*'.

Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) ġiet deciża s-sentenza fejn l-imputat kien instab ħati tal-ewwel imputazzjoni u lliberatu mit-tieni u

ikkundannatu għal sentejn priġunerija u ħlas ta' multa ta' €880 li tista' titħallas b'rati ta' €80 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi żmien erba' ġimgħat mid-data tas-sentenza. Il-Qorti kienet ordnat li jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ irid jitħallas f'daqqa u li jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. L-apellant kien apella minn dik is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell fis-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) kienet annullat is-sentenza minħabba diffett proċedurali li kien jikkonsisti f'li x-xhieda ta' Noel Azzopardi ma kinitx fil-proċess u ma ssemmietx fis-sentenza appellata.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) quddiem dak iz-zmien il-Maġistrat Dr Jacqueline Padovani il-partijiet kienu qablu li x-xhieda li kienu ġia insetmgħu qabel it-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) ma kellhomx għalfejn jerġgħu jinstemgħu.

Fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) xehed is-**Supretendent Neil Harrison** li b'referenza ghal ritratt 02BNZ01 formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes u PS 602 Jonathan Attard a fol 28 qal fir-ritratt hemm karozza tal-kiri u li ħdejn il-karozza hemm PC 213 Nicolai Borg.

Fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) xehed **Charles Sammut** li qal li huwa plaster u minn dejjem jagħmel dan ix-xogħol. Qal li peress li jaħdmu hu u huh li jismu Joseph aktar isibuh bħala 'Joey'. Jgħid li min dejjem jaħdmu flimkien. Jgħid li kien hemm żmien ma tantx kellu xogħol u l-imputat kien saqsieh jekk iridx jagħmel erbat'ijiem xogħol ta' toilets, katusi, zebgħa etc miegħu. Il-post fejn kellu jsir ix-xogħol kien it-31 faccata l-mitħna ta' Birkirkara. Jgħid li kienu tlieta, Charlie Vella l-Gaga jekk mhux sejjer żball u Frans. Jgħid li ġieli kienu jiġbruh b'van pick up minn San Ġiljan u jgħid ukoll li kellu mutur Tyfoo Piaggio. Jgħid li l-van kien ta' Chalie u fuq il-lant tax-xogħol kienu jużaw lilu biex jixtru materjal u ħobż. Jgħid li kollha użawh. Jgħid li darba '*gie Chalie darba minnhom, qabad jghajjat, minhabba xi ma nafx x'sabulu fil-van u jien dik kienet il-haga minn naha tieghi. Ma mortx izjed imbaghad.*' Mistoqsi għalfejn ma marx iżjed qal li kważi kien lest ix-xogħol umbagħad waqaf. Jgħid li sabulu xi droga fil-van. Jgħid li '*Jien ma flahtx inkellmu ghax Birkirkara splodieh bl-ghajjat kien.*' Jgħid li ma tantx kien jaqbel ma' Chalie Vella u ma tantx kien imur

xogħol. Mistoqsi jekk '*fiz-zmien meta kont qed taghmel dawn ix-xogholijiet it-31 Bar, kellek xi vizzju?*' Wieġeb '*Jista*' *jaghmilomli Sur Magistrat dawn?*' Huwa ma weġibx. Mistoqsijekk kienx imur f'xi ċentru tad-Detox għazel li ma jweġibx. Jekk kienx jieħu xi forma ta' mistura u jekk qatt kellu każijiet mal-Pulizija dwar droga għażel ukoll li ma jweġibx. Huwa ma riedx jgħid għala kellu problemi ma' Chalie Vella l-Gagu.

In kontro-eżami jgħid li jaħseb li f'Awissu 2002 kien ħadem mal-akkużat. Jgħid li lil Charles Spiteri ma baqax jarah. Jgħid li wara nofsinhar kien jiġi bil-van freezer tax-xogħol ta' Captain Cook. Jgħid li dak in-nhar li arrestaw lil akkużat huwa kien xogħol. Jgħid li kien saqu filgħodu, mar għal katusi u ghal ħobż. Mistoqsi fix hin ġie għal van l-imputat, wieġeb li kienu fis-1:30. Jgħid li żgur ma ġabrux filgħodu għax filgħodu kien mar jixtri bih ix-xhud. Jgħid li ma rax lil imputat jieħu l-van iżda nieżel u ma sabux. Jgħid li seta ġie xi ħadd ieħor iżda ma kienx hemm il-van. Mistoqsi jekk setgħax ħadu fid-9:30 qal li setgħa. Jgħid ukoll li '*Lanqas xtaqt nita hawn, jien ghax inzertajt rajtu San Gwann.*' Jgħid li ommu kienet toqgħod ta' Giorni.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) xehed **Noel Azzopardi** li qal li kien jaħdem mas-Sur Spiteri fil-kumpanija ta' Captain Cook fejn kienu jbiegħu ravjul, pastizzi u affarijiet tal-għaġina. Huwa għaraf lill-imputat fl-awla. Jgħid li huwa kien salesman, delivery-man idur il-ħwienet, jiġbor l-ordinijiet u jqassam. Kien juża van Isuzu tal-friża li kienet tkun ipparkjata fir-residenza ta' Carmelo Spiteri. Jgħid li kien jitla' għaliha bil-miexi u jitlaq min hemm, jgħaddi għall-imputat u jibdew ir-rotta. Jgħid li l-imputat kien jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni tibjed u dak li għandu x'jaqsam ma dak tat-trab. Jgħid li ġieli marru t-31 Bar għax kien hemm xebgħa taħwid, kien hemm diżgwid li kienu jagħmlu l-ħaddiema. Semma li kien hemm certu wieħed '*Joe, Joey, Chalie u Frans*' Jgħid li l-imputat ġieli kien jilmah il-van Toyota x'imkien ieħor u kien jilmenta miegħu li minflokk qegħdin xogħol qegħdin hawn. Mistoqsi jekk kellux vizzju dak iż-żmien, jekk kienx jattendi għal methadone, għażel li ma jweġibx. Mistoqsi jekk lil Joey jafux mid-Detox qal li ma kienx jagħmilha fi kliemu '*dawk in-nies*'. Iżda jgħid li kien jafu lil Joey iżda qatt ma għamilha miegħu jgħid li '*hemm nies u nies*'.

Xehed li l-imputat kien qallu xi ġralu u li ma jafda lil ħadd aktar bil-van ''*qed tara ma nafda lil ħadd iktar bil-van xi grali, x'ghamiltuli, x'ghamiltuli*'' Ghidtlu ''jien Chalie jien

mhux dejjem mieghek hawn ix-xoghol", ghidtlu "jien dejjem mieghek kwzi, jein meta kien f'idi l-van dejjem gibtulek tajjeb, bla daqqiet u qatt m'ghamilt tgerfix bih". Jgħid li qallu li sabulu xi droga fil-van u li ġie arrestat. Jgħid li l-għada li ġie arrestat mar għax-xogħol u hu ma kienx ġie u ġie l-pitgħada iżda ma jiftakarx eżatt. Jgħid li dak in-nhar li ġie arrestat kien bil-van tal-friża. Jgħid li l-van Toyota aħmar kien ikun għand l-oħrajn li jaħdmu bil-construction għax daqqa gandhom bżonn xkora xahx, siment, zebgħa l-materjal.

In kontro-eżami jgħid li dam erba' (4) snin jaħdem miegħu. Jgħid li baqa jiftakar li dak in-nhar kien irrabjat għax dak in-nhar kien partikularment iktar. Jgħid li l-van ma kienx ġdid u kien jitgħabba b'ħafna materjal u meta kien isuqu jgħid li ċ-ċavetta dejjem fihom it-tnejn li huma dejjem fil-van.

Fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-partijiet kienu eżentaw lil Maġistrat Carol Peralta milli jergħu jinstemgħu x-xhieda ġa fil-proċess. Quddiem dik il-Qorti kienu ġew preżentati noti ta' sottomissjonijiet mill-partijiet.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed is-**Surgent 928 Ramon Mifsud** dwar mandat ta' arrest.

Fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali iddeċiediet il-kawża fejn kienet ikkundannat lil imputat għal terminu ta' sentejn priġunerija u multa ta' €880. Il-Qorti kienet ordnat li jekk xi parti minn dina l-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux. Dik is-sentenza kienet ġiet appellata u l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza mogħtija nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) annullat is-sentenza tal-ewwel stanza.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-partijiet kienu eżentaw lil Qorti mis-smiegħ tal-provi ġia mismugħa. Il-Qorti kienet laqgħet it-talba tad-difiża sabiex l-imputat iressaq provi ai fini tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan mingħajr preġudizzju għat-tweġiba tiegħu ta' mhux ħati. Filwaqt li fis-seduta tal-erbgħa u għoxri (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) id-difiża rtirat din it-talba u dan '*stante illi l-imputat fiz-zmien tal-kas il-kundizzjoni medika*

*li huwa kellu u li taha kien jigi kkurat minn Dr Deo Debattista ma kientx in konnessjoni ma theid ta' sustanzi illeciti izda kienet kondizzjoni tal-qalb.'*

Fis-seduta ta' nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem Qorti diversament preseduta mill-Qrati li kienu ġa ddeċiedew il-kawża darbtejn, liema deċiżjonijiet kienu ġew annullati, reġa xehed **Charlie Sammut** li jgħid li għal ħabta ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) ix-xogħol tiegħu kien li skont xi jkunu jridu l-ħaddiema imur iġibilhom bħal materjal, jgħid li kien labourer impjegat mal-appellant. Jgħid li dak iż-żmien kellu mutur, ġieli kien imur bil-mutur tiegħu u ġieli kien imur jistennihom ma ġemb il-każin tal-labour ta' San Ġiljan u jiġu għalih il-ħaddiema. Jgħid li dak iż-żmien kien qed jaħdem '*jekk mhux sejjer zball Birkirkara ghand Pierre tat-31 Bar.*' Dwar meta ġie arrestat l-imputat jgħid li jiftakar '*jghid lil kulhadd li sabulu xi droga nsomma.*' Jispjega li d-droga instabet fil-vann li kien isuq ix-xhud. Ikkonferma il dan l-istess vann li jiġbru l-lavranti. Mistoqsi '*U allura meta qalilkom li sabulu xi drogi gol-vann kif kien maghkom allura hekk?*' Irrisponda '*Tigra hux.*' Mistoqsi '*U meta kien tigra ghalfejn ghax qabduh il-pulizija jew ghal xi raguni ohra?*' Wieġeb '*Ghal kollox hux ghar-reputazzjoni tieghu, sabulu d-drogi, arrestawh hu u hafna affarijiet.*' Jgħid li '*jien kelli l-vizzju tad-droga, tal-cocaina dak iz-zmien, kont ghadni guvni. Illum mizzewweg ghandi t-tfal u l-mara pregnant regghet, u kienet tieghi. Nisthi minn Charlie fil-verita', qatt m'ghidtlu li hija tieghi jien.*' Mistoqsi għala meta kien preċedentement xehed ma kienx wieġeb dwar jekk kellux vizzju tad-droga u illlum qieghed jagħżel li jwieġeb qal '*Iva ghax jien mhux sew li llum jiena qieghed sewwa u Charlie ghaddej minn bahar inkwiet minhabba fija.*'

Mistoqsi direttament mill-Qorti '*Mela ha naghmluh mod iehor, smajt lil Qorti qed twissik biex tgharaf x'inti tghid. Ha nerga nghidlek, jigifieri d-droga li kien hemm fil-pick u Toyota Hilus, dawn l-erba u tletin gramma li kien hemm, ha nerga nsaqsik ghat-tieni u l-ahhar darba, tista' tghid lil Qorti ta' min huma?*' Wieġeb '*Kienu tieghi.*'

In kontro-eżami mistoqi biex jispjega lil Qorti fejn kien ħaliha d-droga la hi tiegħu u kif inhi maqsuma wieġeb '*Le t-Toyota ghandu compartment, issa jien poggejtha bejnu u bejni s-seat, tfajta l'isfel hekk, u kelli l-carbonara biex insajjara din u l-mizien gol-bieba.*' Mistoqsi '*U din is-sustanza kif kienet imqassma?*' Wieġeb '*Gol-boroz.*' Mistoqsi '*Go borza shiha, go boroz separati, kif kienet?*' Wieġeb '*Go diversi boroz u borza wahda.*' Mistoqsi mill-

Qorti '*X'tip kienu l-boroz?*' Wieġeb '*Boroz bojod*' Mistoqsi mill-Qorti '*Boroz trasparenti jew abjad..*' Wieġeb '*Bojod trasparenti.*' Jgħid li minn dak in-nhar li xehed qatt ma reġa kellmu lill-imputat. Jgħid li llum huwa clean, miżżewweġ u għandu t-tfal.

Mistoqsi mill-Qorti '*Erga' fehemni ezatt il-post fejn kienu fil-karozza dawn il-paketti u x'kien hemm izjed allura fil-karozza x'hallejt.*' Wieġeb li bejn is-seat u l-compartment dahhalthom hemm isfel, bejn is-seat u l-bieba li tiftah. Mistoqsi mill-Qorti '*Fin-nofs tal-karozza bejn il-passigier jigifieri.*' Wieġeb '*Bejna u bejn is-seat*' Jgħid li mal-bieba tan-naħa tad-driver kellu '*mizien u kelli l-carbonara.*'

Ikkunsidrat;

Illi in breve l-fatti huma s-segwenti:

1. Illi fit-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) kienet waslet informazzjoni kunfidenzjali lil dak iż-żmien l-Ispettur Neil Harrison li l-imputat kien ser ikollu ammont ta' kokaina fil-pussess tiegħu lejn Birkirkara;

2. L-appellant intlemah Birkirkara bit-Toyota Pick Up bin-numru HAP 463 u twaqqaf mill-Pulizija fl-inħawi tal-Ballal limiti ta' San Ġwann;

3. Fit-Toyota Pick Up (hawn aktar l-isfel riferut bħala il-'Vann') instab 34.921 grammi kokajina b'purita ta' 30%[29], miżien eletronniku u bott *bicarbonate of soda*;

4. Fuq l-appellant instabet is-somma ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin Liri Maltin (LM545);

5. Illi l-appellant ġie akkużat bl-imputazzjonijiet indikati.

Illi l-appell huwa prinċipalment ibbażat fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Kif irritenew il-Qrati ta’ Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs</u>**

[29] Skont ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol 67 et seq.

**Faical Mahouachi**'[30]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[31]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [32]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[33]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[34]" u ohrajn .)'* (Emfażi miżjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi ċitati jinsabu fin-noti fil-qiegħ tal-paġna)

Ikkunsidrat ukoll:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[35] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the*

---

30 Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)
31 Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.
32 Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989
33 Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
34 Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta Mejju 1991
35 [1969] 1 QB 276

*prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).' (Emfażi miżjuda)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[36] ikkunsidrat ukoll li:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**"*[37]*, inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".*

L-appellant fl-appell tiegħu dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti jissottometti li r-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti għas-sejbien ta' ħtija ma jistgħu qatt jiġu aċċettati stante li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni ta' diversi nuqqasijiet fl-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni u naqset li tapprezza provi kruċjali li emerġew matul id-dispożizzjonijiet tax-xhieda prodotti in difesa. Jgħid li s-sentenza appellata mhijiex *safe and satisfactory*. Jgħid li jeżisti *lurking doubt* fid-dawl li skont l-appellant il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilħaq il-livell rikjest mill-Liġi ta' *beyond reasonable doubt*[38].

Dwar dan l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, l-appellant jaqsam l-appell tiegħu f'numru ta' sottomissjonijiet fosthom dwar:

---

[36] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

[37] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru 1994

[38] L-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu a fol 514 tal-proċess jikteb 'beyond reasonable time' mhux 'beyond reasonable doubt'

- Ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija,
- Il-borza li fiha nstabet id-droga u l-konoxxenza tal-appellant,
- L-intenzjoni kriminuża tal-appellant,
- Il-'*Best Evidence Rule*' u l-provi prodotti,
- L-ammissjoni ta' Charles Sammut,
- Ix-xhieda in difesa,
- L-eżerċizzju magħmul mill-Ewwel Qorti li l-appellant jissottometti li huwa f'kunflitt dirett ma' tliet prinċipji kardinali tal-liġi penali u ċjoe' il-preżunzjoni tal-innoċenza, l-oneru tal-prova ta' ħtija jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u li sabiex tinstab ħtija din trid tkun ġiet ipprovata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni
- Konklużjoni b'mistoqsijiet li fid-dawl tal-provi skont l-appellant ma għandhomx risposta.

Dawn id-diversi sottomissjonijiet formanti parti mill-ewwel aggravju ser jiġu kkunsidrati bħala aggravju wieħed.

L-appellant jagħmel referenza għal diversi fi kliemu 'kontradizzjonijiet' fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Huwa jirreferi għal diskrepanzi fosthom fid-dettalji bħal ħinijiet ta' meta ngħataw l-istruzzjonijiet sabiex uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija imorru iffitxu lill-appellant, il-ħin meta l-uffiċjali tal-Korp ħarġu mid-Depot iffitxu l-appellant, il-ħin ta' meta waqfu lill-appellant u l-istruzzjonijiet li ngħataw jiġifieri jekk kienu qegħdin ifittxu l-appellant jew il-vettura. L-informazzjoni kunfidenzjali li waslet għand dak iż-żmien Spettur Neil Harrison skont ix-xhieda tiegħu tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) ma kinitx li kellu jkun hemm droga fil-pick up iżda li '*certu Charles Spiteri residenti ta' Giorni li dana apparantament kien se jkun b'xi ammont ta' kokaina fil-pussess tieghu lejn Birkirkara.*' Filwaqt li P.S. 536 Jason Caruana fix-xhieda tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa (2004) jgħid in kontro eżami li s-Suptintendent Neil Harrison infurmuh li f'San Ġwann kienu ħa jfittxu l-vettura HAP

469. Din il-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li tenut kont li d-difiża bil-provi prodotti kkonfermat li l-vann in kwistjoni kien jintuża minn numru ta' persuni, il-fatt dwar jekk l-informazzjoni li kellha l-Pulizija kienx jekk id-droga kinitx fil-vettura jew fuq il-persuna jista' jkollu relevanza, iżda diverġenzi f'ħinijijiet relatati ma' mumenti qabel ma twaqqaf l-appellant mill-pulizija ma jxejnux il-kredibilita' tax-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Id-difiza ma kkontestax il-fatt li nstabet il-kokaina, il-miżien u l-bicarbonate of soda fil-vettura li dak il-ħin kienet misjuqa mill-appellant u li l-appellant twaqqaf mill-Pulizija. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li t-testimonjanzi tal-uffiċjali tal-Pulizija ma kellhomx jitqiesu bħala affidabbli.

Ikkunsidrat;

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tat piż għal fatt li x-xhieda mogħtija mill-appellant ma kinitx kredibbli u dan għal numru ta' raġunijiet fosthom li l-borza droga li l-appellant jgħid li ma rax kienet 'fid-deher.' F'dan ir-rigward issir referenza għar-ritratti esebiti a fol 35 fosthom ir-ritratti mmarkati bħala 02 BMZ 13 u 01 BMZ 14 li fihom tidher il-borza bejn il-*console* tan-nofs tal-vettura u s-seat tax-xufier. L-appellant jiċħad kwalunkwe konnessjoni mad-droga u kwalunkwe konnoxenza dwarha. Jgħid li l-aqwa prova kellha tkun li jittieħu *fingerprints* tal-appellant biex dawn jitqabblu ma dawk fuq il-borża tant li jgħid li huwa lest li jittieħdu l-impronti diġitali tiegħu biex jiġu kkumparati mal-*fingerprints* li kien hemm fuq il-borza in kwistjoni. Illi x-xhieda mressqa mid-difiża jikkonfermaw li l-vann kien jintuża anke mill-ħaddiema f'dak li kellu x'jaqsam xogħol ta' tibjid fejn l-appellant kien jagħti dan ix-xogħol b'*subcontracting*. Fir-rikors tal-appell tiegħu jissottometti li l-'best evidence' li l-prosekuzzjoni setgħet iġġib ma kinitx il-fatt li l-borża ta' sustanza illeċita nstabet waqt li l-appellant kien qiegħed isuq il-vann dak il-ħin iżda li l-prosekuzzjoni kellha tiprova li l-borza bis-sustanza illeċita kienet tassew tal-appellant;
Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-aħjar prova f'każijiet li jirrigwardaw pussess aggravat ta' sustanzi illeċiti mhijiex neċessarjament l-impronti diġitali. Lanqas ma kien hemm l-obbligu fuq il-prosekuzzjoni li jagħmlu tfixxijiet fil-vetturi l-oħra tal-appellant jew fir-residenza tiegħu kif bħal donu qiegħed jippretendi l-appellant. Li huwa kruċjali huwa

li l-prosekuzzjoni timxi skont dak li jistipula l-artikolu 346(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra:

'*Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru,* <u>*li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat,*</u> *u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.*' (Emfażi miżjuda)

F'dan ir-rigward issir għas-sentenza fl-ismijiet <u>**'Il-Pulizija vs Wahid Ahmed A. Elawami'**</u>[39] fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ikkunsidrat is-segwenti:

'*Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ighid li l- prosekuzzjoni kienet tenuta tressaq l-ahjar prova biex tissostanzja l-kaz taghha, liema prova kienet tikkonsisti f'impronti digitali izda li ghal xi raguni jew ohra ma ntalbux. Din il-kwistjoni giet trattata mill- ewwel Qorti li qalet fis-sentenza taghha li l- "fingerprints mhux dejjem huwa possibbli li televahom jew li ssibom fejn jidhlu drogi" u li "m'hemm ebda obbligu legali ghall-prosekuzzjoni li ggib il-fingerprints jew fotografija jew analizi ohra". Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-kaz in ezami, dak li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa rilevanti huwa l- fatt li ma jirrizultax li ttiehdu xi prekawzjonijiet biex jigu preservati xi impronti digitali li seta' kien hemm fuq il-borza tal-plastik li fiha nstabu t-tliet pilloli ecstasy. Difatti din il-borza giet elevata minn P.C. 279 Kevin Gauci, kif xehed huwa stess, "minn gol-fil [tal- hajt] u ghaddejthom lis-surgenta dak il-hin hemmhekk". U W.P.S. 45 Marisa Bartolo kkonfermat fix-xiehda taghha li P.C. 279 ghadda l-borza bil-pilloli lilha; hija hekk xehdet: "Ghidtlu ghaddihomli. Tahomli u x'hin tahomli f'idejja stajt nara li kienu tliet pilloli". Jigifieri galadarba l-borza kienet ghaddiet minn diversi idejn - wara gew mghoddija wkoll lill-ufficjal prosekutrici Spettur Nadia Lanzon - ma kien hemm l- ebda skop li jintalab li jsir ezami ghall-prezenza ta' impronti digitali. Ghalhekk din il-Qorti ma tirravviza l- ebda nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni fin-nuqqas taghha li titlob li jsir ezami ghall-impronti digitali. U wara kollox il-prosekuzzjoni kellha kull dritt tibbaza l- kaz taghha fuq dak li dehrilha kienet l-ahjar prova, cioe` x-xhieda okulari u x-xiehda ta' l-Ispettur Lanzon stess. Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.*'

Dwar x'inhi l-aħjar prova, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**'Il-Pulizija (Spettur Josric**</u>

[39] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Settembru, 2014 (Appell kriminali numru 166/2004)

**Mifsud) vs Joseph Muscat (ID: 265257M)**'[40] ikkunsidrat li:

*'Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi.'*

L-appellant jissottometti li ma kienet teżisti l-ebda forma ta' rabta bejnu u bejn il-borża in kwistjoni minkejja li din instabet fil-vann tiegħu fil-mument li kien qiegħed jinstaq minnu. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif'**[41] fejn ġie kkunsidrat li:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il- kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil- pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal- Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skont l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is- segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton[42], P vs Martin Xuereb[43], P vs Seiffedine Mohamed Marshan[44], u P vs John Borg[45],*

---

[40] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) nhar il-11 ta' April, 2017 (Kump numru: 455/13)
[41] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Frar, 1998.
[42] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju, 1982
[43] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Settembru, 1996
[44] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Ottubru, 1996
[45] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Ġunju, 1997

*kollha appelli kriminali).* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenzi ċitati fl-appell ċitat fin-noti ta' qiegħ il-paġna).

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supt. N. Harrison) vs Keith Stagno Navarro'**[46] ġie kkunsidrat:

*'Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f' post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-appellant, pero' dan mhux bizzejjed biex jirrizuilta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f' post li fuqu persuna jista' ikollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L- istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu , wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f' daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe' li jkun konsapevoli li f' dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal- pussess kostruttiv tad-droga w cioe' meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f' fost fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post. F' ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-ezistenza tad-droga f' dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija.'*

Fil-każ in eżami, d-droga in kwistjoni instabet fil-vann tal-appellant fil-ħin li kien qiegħed jiġi misjuq minnu iżda ix-xhieda in difesa għalkemm b'sensiela ta' kontradizzjonijiet bejniethom kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti u kif ser jiġi spjegat aktar l'isfel, lkoll jikkonfermaw li l-appellant ma kienx l-uniku persuna li kien jagħmel użu minn dan il-vann.

---

[46] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali numru: 9/2006)

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta ċar li kien hemm inkonsistenzi kbar f'dak li intqal mix-xhieda mressqa mid-difiża, għajr li dan il-vann Toyota li fih instabet is-sustanza illeċita ma kienx jintuża biss mill-imputat. Charles Vella fix-xhieda tiegħu tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) jirreferi għall-biċċa xogħol li kellu fejn kien hemm Charlie, Frans u Joseph. Huwa jgħid li '*Joseph kellu problema u kien imur id-Detox*' jgħid li dan kien joqgħod il-Qawra, jgħid li kien jiġi waħdu għax-xogħol u li kien jiġi b'mutur. Minn naħa l-oħra Frans Ebejer fix-xhieda tiegħu ta' nhar it-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) jgħid li '*Ghax hu kien jkollu x'jaghmel u kont inwassallu l-ghodda u tavluni u nghaddu ghal wiehed Joseph*' Mistoqsi '*Fejn kont tghaddi ghal dan Joseph?*' wieġeb '*San Giljan dak iz-zmien*'. Dan Joseph li aktar il-quddiem fil-proċeduri irriżulta li jismu Charlie jew Charles Sammut fix-xhieda tal-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) jgħid li l-laqam tiegħu huwa Joey għax '*Hija Joseph, sena ikbar minni, Joey u kulhadd jghajjat Joey fhimt?*' Għalhekk jirriżulta li dan Joseph li x-xhieda jagħmlu referenza għalih huwa Charles ossia Charlie Sammut. Dwar kif kien jasal għax-xogħol jgħid li '*gieli kien jghaddi Frans ghalija fejn l-ghassa ta San Giljan, jippikjani u mmorru. U gieli meta ma kontx nitla' mieghu u nqum tard jew xi haga, nitla' bil-mutur tieghi.*'

L-imputat fix-xhieda tiegħu ta' nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) jgħid li l-vann kien intuża minn Frans Ebejer dak in-nhar u fl-ebda ħin ma jsemmi li kkonfronta lil ħaddiema tiegħu u/jew li meta kkonfrontahom, Charles Vella qallu li kien Joseph li uża l-vann biex imur qadja u lanqas ma jsemmi li Frans Ebejer qal lill-appellant li Joseph kien użah il-vann. Charles Vella fix-xhieda tiegħu tat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgħa (2007) jgħid li l-għada filgħodu li l-imputat ġie arrestat kien mar jgħajjat magħhom filwaqt li l-imputat jgħid li baqa arrestat sal-għada wara nofsinhar, allura żgur li ma setgħax imur jikkonfronta lil ħaddiema tiegħu l-għada tal-arrest jekk huwa jgħid li ġie rilaxxat wara nofsinhar. Frans Ebejer fix-xhieda tiegħu lanqas isemmi dak li xehed l-imputat jiġifieri li kien mar miegħu jixtri xi fanali dak in-nhar li twaqqaf mill-Pulizija u nstabet id-droga. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-appellant li l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza provi kruċjali prodotti in difesa, anzi l-Ewwel Qorti għamlet eżami approfondit tal-provi mressqa mid-difiża u kkonkludiet li mhumiex kredibbli.

Illi sa hawnhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fil-maġġorparti tas-sentenza appellata fejn għamlet numru ta' osservazzjonijiet dwar ix-xhieda mressqa mid-difiża. Iżda din il-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti fejn fis-sentenza appellata osservat li '*Il-persuna bl-isem 'Joseph' tissemma ghall-ewwel darba minn Charlie Vella u mhux mill-imputat.*' peress li mix-xhieda tal-appellant ta' nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) mistoqsi dwar min kien jagħmel użu mill-vann in kwistjoni irrisponda '*Jiena, Frans Ebejer, Joe Sammut, dan il-Ganu, konna erbgha zgur nuzawh.*' Kif spjegat aktar il-fuq l-appellant jgħid li dak inhar il-vann kien uzah Frans Ebejer filgħodu biex mar fuq il-land tax-xogħol u ma jsemmix li kemm Frans Ebejer kif ukoll Charlie Vella kienu qalulu li l-vann kien użah Sammut. Jiġifieri l-appellant jonqos milli jsemmi li l-ħaddiema l-oħra kienu indikawlu li l-vann dak in-nhar kien intuża minn dan Sammut.

Illi l-appellant qatt ma ammetta li d-droga kienet tiegħu għajr għal *bicarbonate of soda* li fix-xhieda tiegħu tal-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) jgħid li tista' tkun tiegħu peress li jużaha biex inaddaf il-freezers. Din il-Qorti bħall-ewwel Qorti ssiba ferm inverosimili li *bicarbonate of soda* f'dak il-qies jintuża għall-iskop ta' tindif ta' fridges ta' confectionery.

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' kredibilita' tax-xhieda tad-difiża u l-appellant iżda din il-Qorti ma tistax tasal għall-istess deċiżjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti u dan fid-dawl tat-tieni xhieda mogħtija minn Charlie Sammut fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

Ikkunsidrat;

Illi Charles Sammut kien xehed darbtejn f'dawn il-proċeduri. L-Ewwel xhieda tiegħu ingħatat wara li l-ewwel sentenza ġiet annullata. F'dik ix-xhieda datata l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) huwa kien qal a fol 219 '*Imbaghad gie Chalie darba minnhom, qabad jghajjat, minhabba xi ma nafx x'sabulu fil-van u* <u>*jien dik kienet il-haga minn naha tieghi*</u>*. Ma mortx izjed imbaghad.*' (Emfażi miżjuda). F'dak l-istadju la l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiża ma staqsiet lil dan ix-xhud x'ried jgħid biha s-sentenza '*jien dik kienet il-haga minn naha tieghi.*' Iżda meta fl-istess seduta mistoqsi mid-difiża '*Issa, sur Sammut, inti fiz-zmien meta kont qed taghmel dawn ix-xogholijiet it-31 Bar,*

*kellek xi vizzju?'* Staqsa lil Qorti ta' dak iż-żmien *'Jista' jaghmilomli Sur Magistrat dawn?'* Huwa kien għażel li ma jweġibx għal dawn il-mistoqsijiet ossia *'Inti dak iz-zmien kellek xi vizzju?'*, *'Inti dak iz-zmien kont tmur f'xi centri bhad-Detox?'*, *'inti dak iz-zmien kont tiehu xi forma ta' mistura jew xi haga?'* u *'Kazijiet mal-pulizija kellek fuq droga?'*.

Illi wara li t-tieni sentenza kienet ġiet annullata, Charlie Sammut kien reġa xehed f'dawn il-proċeduri, din id-darba quddiem Qorti preseduta mill-Qorti li ddeċiediet is-sentenza appellata. Fix-xhieda tiegħu ta' nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) (jiġifieri kważi tmien (8) snin wara li kien xehed l-ewwel darba) meta mistoqsi mid-difiża *'Din id-droga li sabulu taf tghidilna ta' min kienet? Anzi ha naghmilha mod iehor, inti fiz-zmien li kont tahdem ma' Charlie kellek xi problemi dak iż-żmien?'* Wieġeb *'Ghal dik kont gej, jien kelli l-vizzju tad-droga, tal-cocaina dak iz-zmien, kont ghadni guvni. Illum mizzewweg ghandi t-tfal u l-mara pregnant regghet, u kienet tieghi. Nisthi minn Charlie fil-verita', qatt m'ghidtlu li hija tieghi jien,'* Mistoqsi dwar meta kien xehed preċedentement *'Tista' tispjega lil Qorti ghalfejn illum qed taghzel li twiegeb jekk jogbok?'* Wieġeb *'Iva ghax jien mhux sew li llum jien qieghed sewwa u Charlie ghaddej minn bahar inkwiet minhabba fija.'*

Matul din ix-xhieda kien hemm diversi drabi li l-Ewwel Qorti wiessiet lix-xhud dwar dak li kien qiegħed jixhed:

*'Qorti: Oqghod attent ghal dak li qed tghid ghax jekk il-Qorti tinduna jew wara jsir maghruf jistghu jghaddu snin, u wara jsir maghruf li ma kontx qed tghid il-verita' biex tipo taqalaw minnha..*

*Xhud: Le serrah rasek Sur Magistrat.*

*Qorti: Le le jien rasi mserha Sinjur nista nghidlek ghax sewwa m'Alla rasek tkun imserha, jigifieri jien mhux rasi rrid inserrah, jien irrid inserrah ras il-gustizzja li m'ghandix li xi hadd hawn mhux qed jghid kollox, ghax inkella inti ha tidhol f'hafna gwaj.*

*Avukat: Mela ha naghmluha mod iehor, smajt lil Qorti twissik biex tgharaf x'inti tghid. Ha nerga nghidlek, jigifieri d-droga li kien hemm fil-pick up Toyota Hilux, dawn l-erba u tletin gramma li kien hemm, ha nerga nsaqsik ghat-tieni u l-ahhar darba, tista' tghid lil Qorti ta' min huma?*

*Xhud: Kienu tieghi.*

*Avukat: U qed tikkonferma li huma tieghek.*

*Xhud: Tieghi.'*

Matul il-kontro-eżami fost mistoqsijiet oħra ġie mistoqsi:

'*Spettur: Jigifieri minn dakinhar li xehed l-ahhar darba qatt m'ergajt kellimtu, qatt m'ergajt rajtu?*

*Xhud: Le.*

*Qorti: U wara li kont taf li tieghek intefa fuqu, inti tieghek meta hlist minnu l-kaz?*

*Xhud: X'kaz hu?*

*Qorti: Inti qatt ma kellek kaz jigifieri?*

*Xhud: Le kelli kaz imma fuq dan il-kaz ma kellix kaz.*

*Qorti: At this point wasal il-punt li natuh caution. Sinjur inti taf li dak kollu li ha tghid jista' jintuza bi prova kontra tieghek. Jigifieri jekk qed tghid li d-droga biex niftehmu u tikkonfermali li d-droga kienet tieghek, il-pulizija jistghu jinvestigawk. Inti lest li taf x'qed tghid.*

*Xhud: iva mela.*

*Qorti: U nsaqsik jekk inti qed taharqek qalbek tant ghas-Sinjur ghaliex ma mortx ghand il-pulizija qabel?*

*Xhud: Immur jekk kont ghadni bil-problema?*

*Qorti: Illum jigifieri..*

*Xhud: Le le illum clean, mizzewweg ghandi t-tfal.*

*Qorti: Pero inti taf li llum stess il-pulizija ha tibda tinvestigak fuq dan ir-reat.*

*Xhud: Mhux problema.*

*Qorti: Inti konxju ta' dak li qed tghid.*

*Xhud: Iva mela.'*

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta li hemm diskrepanza dwar fejn kienet id-droga u dwar il-postijiet li l-pulizija sabu l-oġġetti fil-vann għal dak li xehed dan ix-xhud. Mistoqsi dwar kif kienet imqassma s-sustanza wieġeb '*Gol-boroz*', '*Go diversi boroz u borza wahda.*' Jgħid li '*Boroz bojod.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Boroz trasparenti jew abjad..*' wieġeb '*Bojod trasparenti*'. Jgħid li mal-bieba tan-naħa tad-driver kellu l-mizien u '*l-carbonara*'. Dak iż-żmien Spettur Neil Harrison fix-xhieda tiegħu tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) jgħid li l-borza tal-plastik kienet bejn is-seat tal-passiġier u c-centre console iżda kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti kuntrarjament għal dan, kemm ir-ritratti u anke r-relazzjoni tas-scene of crime officers PS659 Jeffrey Hughes u PS 602 Jonathan Attard il-borża kienet bejn ic-centre console u s-seat tax-xuffier. Filfatt ir-relazzjoni tas-Scene of Crime officers PS659 u PS602 a fol 29 et seq bħala oġġetti li kienu bejn is-sedil tax-xufier u il-console tan-nofs taqra li kien hemm '*Borza tal-plastic traparenti b'xi tracci ta' trab ta' lewn abjad go fih u borza ohra maghluqa permezz ta' ghoqda maghmila mill l-istess borza kontenenti trab abjad.*' Filwaqt li skont din ir-relazzjoni, fil-komportament tal-bieba tax-xufier kien hemm il-*bicarbonate of soda* waqt li fil-kompatament ta' bejn is-sedili ta' quddiem kien hemm borza tal-karti ta' lewn kanella li kellha miżien fiha. PC 1013 Raymond Debono fix-xhieda tiegħu ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) ikkonferma li l-affarijiet li ġew elevati ħallewhom kif instabu fil-vettura mingħajr ma bidlu l-pożizzjoni tagħhom.

L-Ewwel Qorti ikkunsidrat li jekk Charles Sammut kien 'user' allura x'użu kellu għal miżien. Hi kkunsidrat din ix-xhieda bħala messa in xena u pantomina u fost numru ta' kunsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata irrimarkat '*Il-Qorti terga tirrimarka li persuna ma tigix clean mill-lum ghal ghada u qabel seduta msejjha fuq ordni tal-Qorti! Altru' kellu zmien sufficjenti wara li ma baqax guvni u beda jibni familja kieku dak li jghid kien minnu u ried jghid issewwa biex jidritta l-moghdijiet tieghu!*'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ikkunsidrat li x-xhieda ta' Charles Sammut bħala sperġur u ordnat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestigah dwar dan. Hija kkunsidrat li '*bix-xhieda ta' Sammut aktar gie sostanzjat il-kaz tal-prosekuzzjoni! Jekk id-*

*droga kienet tieghu, meta kien jaf li l-van ma juzahx biss hu, kien ser ikun daqshekk ingenwu li jhalli f'vettura ta' haddiehor? U proprjament f'post daqshekk vizibbli?? L-ammont li nstab ma kienx ammont li kien for personal use u dan hu importanti peress li Sammut kien user u minn imkien ma jirrizulta li kien jispacca d-droga!'* Din il-Qorti taqbel li kien hemm diskrepanzi f'dak li xehed dan Sammut għal provi prodotti mill-prosekuzzjoni, ossia f'kemm il-borza kienet is-sutanza u fejn instab il-miżien iżda għajr għal dan, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi jekk dak li xehed Charles Sammut kienx sperġur.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu meta jikkunsidra li '*Ghandu jigi mfakkar ukoll illi persuna mhux lakemm titla' u tammetti htijietha fi proceduri penali mehuda kontra terz, aktar u aktar meta hija ben konxja illi r-reat igorr mieghu piena ta' prigunerija effettiva!*'

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **__'Il-Pulizija (Spt. Nicholas Ciappara) vs Vincent Attard'__**[47] li kkunsidrat:

*'Issa skond il-ligi procedurali dwar il-"law of evidence" taghna x-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnuta minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. (art. 638 (2) tal-Kap.9). U skond l-artikolu 636 ebda xhud ma ghandu jitqies li hu inkompetenti li jixhed ghax jew jinsab jew jistqarr li hu hati ta' reat, jew ghax ikollu xi interess fil- kawza. Il-Qrati jridu jittrattaw kull xhud b' mod indaqs u jezaminaw il-kredibilita' tieghu taht id-dawl tal-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li x-xhud Caroline Magri ghandha tigi skreditata a priori semplicement minhabba l-fatt li hija prostituta konfessa.'*

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti ma setgħetx arbitro boni viri tiddeċiedi li xhud qiegħed jigdeb mingħajr ma jkollha quddiemha prova kuntrarja ghal dak li ressaq il-quddiem dan ix-xhud. Il-fatt li l-miżien ma nstabx mal-bieba tan-naħa tax-xufier iżda instab fic-central console bejn is-sedili u l-fatt li s-sustanza kienet f'borza imdaħħla f'borża oħra u mhux f'diversi boroż kif jgħid hu għalkemm ċertament il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jikkonfermaw li dan mhuwiex minnu ma jistgħux

[47] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Novembru, 2009 (Appell Kriminali numru: 303/2009)

jiġu kkunsidrati bħala provi kuntrarji għall-ammissjoni li d-droga u l-oġġetti kienu tiegħu. Wieħed ma jistax jinsa li kienu għaddew madwar ħmistax (15)- il sena minn meta instabet id-droga mill-Pulizija għal meta tela' jixhed it-tieni darba dan ix-xhud u x-xhud jgħid li ma kienx 'clean' meta xehed l-ewwel darba.

F'dan ir-rigward għalkemm din il-Qorti tikkunsidra li t-teħid ta' impronti diġitali mhux neċessarjament huma '*best evidence*' f'kull każ, f'dan il-każ tenut kont tal-fatt li għandha xhud li qiegħed jgħid li d-droga u l-oġġetti l-oħra li nstabu kienu tiegħu, ċertament li kieku l-prosekuzzjoni kellha prova li l-oġġetti u d-droga kienu tal-appellant u/jew li kien jonxju dwar il-pussess, f'dak il-każ din kienet tkun prova kuntrarja għax-xhieda ta' Charles Sammut u għalhekk setgħet tiġi skartata. Ir-ritratti esebiti mill-prosekuzzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti mhijiex prova biżżejjed li l-appellant kien konxju dwar il-pussess.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti għamlet eżerċizzju ta' '*guilty by exclusion*' meta fi kliemu '*imbarkat fuq ezercizzju ta' eliminazzjoni wiehed b'wiehed tax-xhieda in difesa, u meta rat li ghal raguni jew ohra dawn tnehhew mikl-istampa, u ma kienx ghad fadal skont Hi imqar prova wahda favur l-esponenti, accettat li l-prosekuzzjoni ppruvat l-każ taghha: guilty by exclusion.*' u li skond l-appellant il-każ ma ġiex deċiż kif trid il-liġi u b'mod ġust. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti għamlet kunsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet dettalji fejn ikksunsidrat li x-xhieda tad-difiża mhumiex kredibbli. L-Ewwel Qorti għaddiet biex tikkonkludi li '*mir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li d-difiza ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad tal-probabbli. Anzi il-kaz li ppruvat taghmel id-difiza fl-ahhar mill-ahhar ghen, senjatament bix-xhieda ta' Sammut moghtija fl-ahhar granet li ghex dan il-process, biex il-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi.*' Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li xhud stqar quddiem il-Qorti li d-droga u l-oġġetti misjuba kienu tiegħu ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti li din ix-xhieda għenet lil Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha, anzi bil-kontra tali xhieda sabiex tiġi skartata kellu jkun hemm provi li jikkonfermaw li d-droga ma kinitx tax-xhud kif huwa xehed iżda li kienet tal-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-appellant irnexxielu almenu fuq grad ta' probabilita' jiprova li d-droga ma kinietx tiegħu. Għalhekk għalkemm huwa minnu li huwa ferm improbabli li *user* ikollu dik il-kwantita' ta' droga, huwa sta għal prosekuzzjoni li tinvestiga lil dan ix-xhud dwar dak li stqar quddiem l-Ewwel Qorti. Il-Qorti ma setgħetx tiġbed inferenzi mill-fatt li xhieda jiddeċiedu li ma jirrispondux ċerta mistoqsijiet kif kellhom kull dritt li jagħmlu biex ma jinkriminawx lilhom infushom iżda x-xhieda ta' Sammut tqajjem dubji dwar jekk id-droga kinitx verament tal-appellant. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tibqa' passiva quddiem ammissjoni tant ċara da parti ta' dan ix-xhud. Għajr għal fatt li d-droga u l-oġġetti instabu fil-vann proprjeta' tal-appellant li kien misjuq minnu fil-ħin ta' meta instabu, ma għandha l-ebda prova oħra kuntrarja għall-ammissjoni ta' Charles Sammut.

Mingħajr ix-xhieda ta' Charles Sammut, din il-Qorti kienet tasal għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Qorti ossia li l-prosekuzzjoni pruvat il-każ tagħha iżda in vista tax-xhieda ta' Charles Sammut li stqar bla riżerva li d-droga u l-oġġetti l-oħra kollha kienu tiegħu, iwassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li d-difiża ppruvat fuq bażi ta' probabilita' li d-droga ma kinitx tal-appellant u dan stante li kif spjegat ma ġietx preżentata prova kuntrarja li din ma kinitx tax-xhud iżda kienet tal-appellant u għaldaqstant ma tistax tasal għall-konklużjoni ta' ħtija li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu jissottometti li '*Fil-kamp penali l-prezenunzjoni tal-innocenza u l-principju onus probandi incumbit ei cui negat jimxu id f'id. Hija l-prosekuzzjoni li ghandha l-piz li turi l-htija tal-akkuzat. L-akkuzat jassumi l-piz tal-prova biss fir-rigward tal-linji difensjonali tieghu bbazati fuq il-provi.*

*Umilment l-esponenti jtenni illi s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hija, fiha nfisha, prova cara li l-Qorti applikat dawn il-principji bil-maqlub.*'

Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Dennis Theuma vs Brian Spiteri'**[48]:

[48] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali numru: 364/2014)

'*Veru illi l-appellant igawdi mid-dritt tas-silenzju u hadd ma jista' jasal ghal xi inferenza negattiva dwar dan. Però min jallega jrid jipprova. U dan japplika kemm ghall-Prosekuzzjoni kif ukoll ghad-Difiza. Ghall-Prosekuzzjoni l-prova trid tkun minghajr dubbju dettat bir-raguni; ghad-Difiza fuq bazi ta' probabilità. La d-Difiza stess ikkummentat illi l-appellant seta' kien fl-akkwati tad-detox biex jiehu l- metadone, kwindi allura kien jinkombi lilha li tipprova dan il-fatt fuq bazi ta' probabilità.*'

Kif ikkunsidrat fid-dettal fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur James Grech vs Raymond Galea'**[49]:

*Illi huwa minnu kif stqarret id-difiza li hija l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u l-appellant ma ghandu ghalfejn jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u jista' jistrieh biss fuq il- provi prodotti.*

*Il-prosekuzzjoni hija tenuta tressaq l-ahjar provi. Hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti, huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti, mhux ammessi. Huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid tghamlu billi bil-provi taghha, twassal lil min irid jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara, probabbilment jew possibilment, ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputati prezunti nnocenti, m'ghadhom jippruvaw xejn, izda jekk ihossu li ghandhom jippruvaw xi haga, dan jistghu jghamluh, anke jekk jaslu sal-grad ta' probabbli.*

*Ma hemmx ghalfejn wiehed jirrepeti l-esposizzjoni ta'* ***Lord Denning*** *tal-grad ta' prova li din l-espressjoni timplika:-*

"*That degree is well settled. I need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will*

[49] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Settembru, 2018 (Appell numru: 285/2017)

*suffice.*[50]"

*Huwa veru li fil-kamp penali, l-provi ndizzjarja hafna drabi huma aktar importanti mill- provi diretti, huwa veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.*'

Fil-każ in eżami dak li kellha tiprova fost fatti oħra l-prosekuzzjoni kienet li d-droga kienet tapparjenti lill-appellant u li din id-droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv. Issa filwaqt li kif ser jiġi kkunsidrat aktar il'quddiem, jirriżulta ċar li l-oġġetti li nstabu fl-istess vettura mal-kwantita tad-droga, ossia l-miżien u l-bicarbonate of soda huma ċirkostanzi li waħedhom jikkonferma li dik id-droga ma kinitx għall-użu esklussiv, il-prosekuzzjoni kellha tiprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raġuni li din kienet tappartjeni lill-appellant. Bix-xhieda ta' Sammut, id-difiża rnexxiela tipprova l-każ tagħha sal-grad tal-probabbli.

Għaldaqstant din il-Qorti għalkemm ma taqbilx mas-sottomissjonijiet kollha mressqa fl-ewwel aggravju tal-appell, qiegħda in vista tax-xhieda ta' Charles Sammut ta' nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jirrigward l-pussess aggravat. Illi jirriżulta ampjament li kemm l-ammont ta' droga, il-purita' kif ukoll l-oġġetti li nstabu fl-istess vann ossia l-miżien u l-*bicarbonate of soda* jikkonfermaw li tali droga ma kinitx għall-użu personali. Kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Ernest Briffa'**[51]:

'*Rigward il-flus li kellu fuqu l-appellant u li l-ewwel Qorti awtorizzatu li jirriprendi, evidentement l-ewwel Qorti emmnet li l-flus, jew almenu parti sostanzjali minnhom, kien tahomlu missier l-appellant ghall-iskop imsemmi kemm mill-appellant kif ukoll minn missieru. Logikament ukoll, ladarba l-appellant kien ghadu kemm hareg mid-dar fejn kien qieghed taht osservazzjoni, huwa ma kien ikkonsenja droga lil hadd u ghalhekk ma kienx ircieva flus.*

[50] Miller v Minister of Pensions - 1947 - 2All E.R. 372, pp. 373-374.
[51] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Jannar, 2011 (Appell Kriminali Numru: 277/2010)

*Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac- cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl- Appell Kriminali* ***Il-Pulizija v. Noel Borg*** *deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

***"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri'[52], dawn il-kazijiet mhux l- ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l- Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill- prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal- pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"[53]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri"[54] )*** (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenzi ċitati fin-noti f'qiegħ tal-paġna)

Ikkunsidrat ukoll:

***'Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic- cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal- akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana"[55])."*** (Emfażi miżjuda u dati tas-sentenza ċitata fin-noti f'qiegħ tal-paġna)

[52] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 2005
[53] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Awissu, 1998
[54] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Settembru, 1999.
[55] Deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriinali nhar it-23 ta' Mejju, 2002.

Din il-Qorti temmen li minkejja li la l-miżien u lanqas il-bot ta' *bicarbonate of soda* ma kellhom traċċi ta' sustanzi illeċiti kif ikkonfermat mill-Ispiżjar Mario Mifsud fix-xhieda tiegħu mogħtija fid-disgħa (9) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) dan ma jxejinx il-fatt li kemm l-ammont, il-purita' u l-oġġetti li instabu jikkonfermaw li din ma kinitx intiża għall-użu personali. Il-fatt li minn testijiet forensiċi ma nstabux traċċi ta' sustanzi illeċiti fuq il-miżien ma jfissrx li dan ma kienx ser jintuża għall-ispaċċ.

Dwar il-flus kontanti li nstabu fuq l-appellant, l-appellant jgħid li huwa kien biegħ mutur tal-marka Honda Phantom lil Adrian Marmara u kien irċieva biss kappara ta' LM500 filwaqt li l-kumplament tħallas bin-nifs. Din il-verżjoni ġiet ikkonfermata minn Adrian Marmara stess fix-xhieda tiegħu mogħtija nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008). Għalhekk il-flus li kienu elevati minn fuq l-appellant għandhom jiġu żbankati favur l-appellant u għalhekk din il-Qorti qiegħda minn issa tawtorizza lill-appellant sabiex jiżbanka dik is-somma.

Għalkemm din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti taqbel li din id-droga ma kinitx għall-użu esklussiv u qiegħda għalhekk tiċħad it-tieni aggravju, la darba l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tiprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raġuni li d-droga kienet tappartjeni lill-appellant, l-Ewwel Qorti ma setgħetx isibu ħati ta' pussess aggravat u qiegħda għalhekk tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni.

Stante li din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ssib lil appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u stante li l-Ewwel Qorti kienet illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti tikkonsidra l-aggravju dwar il-piena.

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell billi filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni, tħassarha in kwantu s-sejbien ta' ħtija tal-ewwel imputazzjoni u fejn ikkundannat lill-appellant għal ħmistax il-xahar priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €550 u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull htija u piena.

In oltre, din il-Qorti qiegħda minn issa tawtorizza lill-appellant sabiex jiżbanka dik is-somma ta' ħames mija u ħamsa u erbgħin Liri Maltin (LM545) li kienet elevata minn fuq persuntu.

Fid-dawl tax-xhieda ta' Charles ossia Charlie Sammut ta' nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn huwa ammetta li d-droga u l-oġġetti in kwistjoni kienu tiegħu, qiegħda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita u qiegħda minflokk tordna lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil dan ix-xhud minnufih u jieħu l-proċedimenti li jidhirlu opportuni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur